



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 2.2.2005  
KUMM(2005) 24 finali

**KOMUNIKAZZJONI LILL-KUNSILL EWROPEW TAR-REBBIEGĦA**

**Naħdmu flimkien għat-tkabbir ekonomiku u għall-impjiegi**

**Bidu ġdid għall-Istrateġija ta' Liżbona**

Komunikazzjoni mill-President Barroso  
bi ftehim mal-Viċi-President Verheugen

{SEC(2005) 192}

{SEC(2005) 193}

## WERREJ

Daħla .....	3
It-tkabbir ekonomiku u l-impjieg: Bidu Ġdid għall-Istrateġija ta' Liżbona .....	3
Sinteżi.....	7
1. It-tkabbir ekonomiku u l-impjieg taħt il-lenti .....	12
2. NIBNU SĦUBIJA EWROPEA GĦAT-TKABBIR EKONOMIKU U L-IMPJIEGI	14
3. Azzjonijiet biex jinkiseb it-tkabbir ekonomiku u l-impjieg.....	15
3.1. Programm ta' Azzjoni għal Liżbona għall-Unjoni u l-Istati Membri .....	15
3.2. Li l-Ewropa ssir post li jiġbed aktar investiment u xogħol .....	16
3.2.1. Inwessgħu u nappfondixxu s-Suq Intern .....	17
3.2.2. Jiġu żgurati swieq miftuħa u kompetittivi ġewwa u barra l-Ewropa .....	19
3.2.3. Titjib tar-regolamentazzjoni nazzjonali u Ewropea .....	20
3.2.4. L-infrastruttura Ewropea għandha tinfirex u tittejjeb .....	21
3.3. L-għarfien u l-innovazzjoni għat-tkabbir ekonomiku .....	21
3.3.1. Żieda u titjib fl-investimet fir-Riċerka u l-Iżvilupp .....	22
3.3.2. L-iffaċilitar ta' l-innovazzjoni, l-użu ta' l-ICT u l-utilizzazzjoni sostenibbli tar-riżorsi.	23
3.3.3. Kontribut lejn bażi industrijali Ewropea qawwija .....	26
3.4. It-tkattir u t-titjib ta' l-Impjieg.....	27
3.4.1. It-tressiq ta' aktar nies lejn l-impjieg u l-immodernizzar tas-sistemi ta' ħarsien soċjali. ....	28
3.4.2. Titjib fl-adattabilità tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi u fil-flessibilità tas-swieq tax-xogħol.....	30
3.4.3. Investiment akbar fil-kapital uman bis-saħħa ta' ħiliet u edukazzjoni aħjar. ....	31
3.5. L-impatt fuq it-tkabbir ekonomiku u l-impjieg.....	32
4. Sabiex bi sħab nilħqu riżultati ta' veru fit-tkabbir ekonomiku u fl-impjieg.....	34

## **Daħla**

### **It-tkabbir ekonomiku u l-impjegi: Bidu Ġdid għall-Istrateġija ta' Liżbona**

Aħsbu f'it x'tista' tkun l-Ewropa. Aħsbu fil-qawwa intrinsika ta' l-Unjoni mkabbra tagħna. Aħsbu fil-potenzjal tagħha - li għad irid jiġi sfruttat - biex toħloq il-ġid u toffri l-opportunitajiet u l-ġustizzja għaċ-ċittadini kollha tagħha. L-Ewropa tista' tkun xempju ta' progress ekonomiku, soċjali u ambjentali għall-bqija tad-dinja.

Huwa f'dan l-ispirtu ta' ottimiżmu realista li l-Kummissjoni Ewropea l-ġdida ħejjiet ir-rakkomandazzjonijiet tagħha għar-Reviżjoni Intermedja ta' l-Istrateġija ta' Liżbona – l-aġenda ambizzjuża tagħna għar-riforma li nieda l-Kunsill Ewropew f'Marzu 2000.

L-Ewropej għandhom kull raġuni li jkunu pożittivi dwar il-potenzjal ekonomiku tagħna. Is-suċċessi tat-tieni nofs tas-seklu għoxrin ħallew wirt b'saħħtu. Wara nofs seklu ta' paċi, magħqudin flimkien f'Unjoni politika waħdanija ta' Stati Membri stabbli u demokratiċi, aħna għandna waħda mill-ekonomiji l-aktar żviluppata fid-dinja waħdanija. Dik l-Unjoni ħolqot Suq Waħdieni li fil-bażi tiegħu, għall-dawk il-membri li qed jieħdu sehem fiha, hemm munita waħdanija li tikkonsolida l-istabbiltà ekonomika u tkabbar il-potenzjal għall-integrazzjoni ekonomika. Ikkonsolidajna mudell soċjali parteċipattiv uniku. L-istandards tagħna ta' edukazzjoni bażika huma għolja u l-bażi xjentifika hija storikament żviluppata tajjeb. L-Ewropa għandha kumpaniji dinamiċi u innovattivi b'saħħa kompetittiva straordinarja. Fl-aqwa tagħhom, huma qed juru kapaċità straordinarja ta' tiġdid. Għamilna aktar progress lejn l-iżvilupp sostenibbli minn kwalunkwe reġjun ieħor fid-dinja.

Għamilna dan billi ħdimna fi sħubija – l-istituzzjonijiet, il-gvernijiet u l-amministrazzjonijiet fuq il-livelli nazzjonali, reġjonali u lokali, l-imsieħba soċjali tagħna, is-soċjetà ċivili– lkoll mexjin flimkien lejn għan komuni.

Dan il-wirt jirrappreżenta investiment sostanzjali għal dik il-viżjoni li torbotna flimkien; viżjoni, ikkonfermata fil-Kostituzzjoni, li niżguraw “l-iżvilupp sostenibbli ta' l-Ewropa msejjes fuq tkabbir ekonomiku bilanċjat u stabbiltà fil-prezzijiet, ekonomija soċjali tas-suq mill-aktar kompetittiva, li timmira lejn l-okkupazzjoni sħiħa, il-progress soċjali u livell għoli ta' ħarsien u titjib fil-kwalità ta' l-ambjent”.

L-aħħar 50 sena kienu snin ta' progress straordinarju, imma f'dinja li dejjem tinbidel l-Ewropa ma tistax tibqa' wieqfa. Huwa għalhekk li ħames snin ilu l-Kaprijiet ta' l-Istati u tal-Gvernijiet iffirmax programm ambizzjuż ta' bidla. Huma mpenjaw irwieħhom li jagħmlu mill-Unjoni Ewropea l-ekonomija ta' l-għarfien l-aktar dinamika u kompetittiva fid-dinja, kapaċi li toħloq tkabbir ekonomiku sostenibbli bit-tkattir u t-titjib ta' l-impjegi u aktar koeżjoni soċjali, flimkien mar-rispett għall-ambjent.

Illum, naraw li s'issa l-aktar li nistgħu ngħidu huwa li r-riżultati kienu mħallta. Filwaqt li ħafna mill-kundizzjonijiet fundamentali għal rinaxximent Ewropew hemm qegħdin, ma kienx hemm biżżejjed twettiq fuq il-livell Ewropew u nazzjonali. Dan ma kienx biss minħabba kundizzjonijiet ekonomiċi diffiċli minn meta tnediet l-Aġenda ta' Liżbona imma jirriżulta wkoll minn aġenda politika li saret mgħobbija ż-żejjed, minn nuqqas ta' suċċess fil-koordinament u xi kultant minn prioritajiet konfliġġenti. Għal xi wħud, dan ifisser li għandna nabbandunaw l-ambizzjoni ta' 5 snin ilu. Il-Kummissjoni ma taqbilx ma dan. L-isfidi li hemm quddiemna huma aktar urġenti issa li aħna ffaċċjati b' popolazzjoni li qed tixjieħ u bil-kompetizzjoni globali. Jekk ma nsaħħux l-impenn tagħna biex nilqgħulhom, b'enerġija u b'konċentrazzjoni mġedda, ma jdumux ma jitpoġġew fid-dubju l-mudell tagħna għas-soċjetà Ewropea, il-pensjonijiet tagħna, il-kwalità tal-ħajja tagħna.

Il-bżonn ta' azzjoni urġenti huwa kkonfermat mir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli, ippresedut minn Wim Kok f'Novembru li għadda. Huwa jidentifika sfida qawwija. Skond Kok, *“L-istrateġija ta' Liżbona hija aktar urġenti llum likiber id-distakk fit-tkabbir ekonomiku bejna u bejn l-Amerika ta' Fuq u l-Ażja , u fl-istess waqt l-Ewropa trid tiffaċċja l-isfidi ta' popolazzjoni li qajla qed tikber u li qed tixjieħ. Ftit baqgħalna żmien u ma nistgħux nibqgħu sodisfatti bina nfusna. Hemm bżonn twettiq aħjar biex nirkupraw iż-żmien mitluf”*. B'din l-isfida quddiemha, l-Ewropa jeħtiġilha li ttejjeb il-produttività u li toħloq aktar impjiegi.

Skond ix-xejriet kurrenti, it-tkabbir potenzjali ta' l-ekonomija Ewropea se jonqos bin-nofs matul id-deċennji li ġejjin u jasal għal kemm kemm aktar minn 1% fis-sena.

Ir-riżultati miksuba mill-Ewropa huma differenti minn dawk tal-kompetituri tagħna f'partijiet oħra tad-dinja. Il-produttività tagħhom kibret iżjed malajr u investew iżjed fir-riċerka u l-iżvilupp. Aħna għadna ma hejjejniex l-istrutturi meħtieġa biex nantiċipaw u nikkontrollaw aħjar il-bidliet fl-ekonomija u s-soċjetà tagħna. Għad jonqosna wkoll viżjoni għas-soċjetà li tkun tista' tintegra fiha sew lil dawk li qed jixjieħu kif ukoll liż-żgħażaġħ, partikolarment fejn jidħol l-iżvilupp tal-forza tax-xogħol tagħna, fejn id-dinamika kurrenti titfa' dell sew fuq it-tkabbir ekonomiku fil-ġejjieni fit-tul kif ukoll fuq il-koeżjoni soċjali.

Il-Kummissjoni aċċettat din l-isfida bil-preżentazzjoni ta' l-Għanijiet Strateġiċi ta' l-Unjoni, *‘tkabbir ekonomiku mġedded huwa essenzjali għall-prosperità, jista' jġib lura l-okkupazzjoni sħiħa u huwa l-pedament tal-ġustizzja soċjali u ta' l-opportunitajiet għal kulħadd. Huwa wkoll vitali għall-pożizzjoni ta' l-Ewropa fid-dinja u għall-kapaċità ta' l-Ewropa li timmobilizza r-riżorsi biex tiffaċċja bosta sfidi globali differenti’*.

Neħtieġu ekonomija dinamika sabiex nirrankaw l-ambizzjonijiet aktar wiesgħa tagħna fil-qasam soċjali u ambjentali. Huwa għalhekk li l-Istrateġija ta' Liżbona mġedda tikkonċentra fuq it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi. Biex nagħmlu dan irridu niżguraw li:

- **L-Ewropa ssir post aktar attraenti biex fih wieħed jinvesti u jaħdem**
- **L-Għarfien u l-innovazzjoni jkunu l-pern tat-tkabbir ekonomiku Ewropew**
- **Niżviluppaw il-miżuri li jħallu lill-intrapriżi tagħna jkattru u jtejbu l-impjiegi**

Li npoġġu t-tkabbir u l-impjiegi bħala l-għan immedjat imur id f'id mal-promozzjoni ta' l-għanijiet soċjali u ambjentali. L-Istrateġija ta' Liżbona hija ingredjent essenzjali fl-għan aktar wiesa' ta' żvilupp sostenibbli li jstabbilixxi t-Trattat: li ntejbu l-għajnuna soċjali u l-kundizzjonijiet ta' l-għajxien b'mod sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri. Kemm Liżbona kif ukoll l-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli jikkontribwixxu sabiex jiġi żgurat l-ilħiq ta' dan l-għan. Billi huma jirrinforzaw lil xulxin, jimmiraw għal azzjonijiet li jikkomplementaw lil xulxin, jużaw strumenti differenti u jipproduċu r-riżultati tagħhom fuq skali ta' żmien differenti.

Il-Kummissjoni hija mpenjata għal kollox għall-iżvilupp sostenibbli u għall-immodernizzar u l-promozzjoni tal-mudell soċjali Ewropew. Mingħajr aktar tkabbir ekonomiku u impjiegi, dan ma jkunx possibbli. L-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli tagħna u l-Aġenda Soċjali tagħna dan l-aħħar kienu qed jiġu riveduti u se jiġu ppreżentati proposti fil-ġimgħat li ġejjin, qabel il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa. Barra minn dan, irridu nkomplu naħdmu mas-sieħba internazzjonali tagħna biex nindirizzaw żbilanċi makroekonomiċi globali, għax it-tisħiħ tat-tkabbir ekonomiku huwa ta' ġid għas-sieħba tagħna daqs kemm huwa għall-Unjoni.

“Liżbona” għalhekk titlob azzjoni immedjata u l-argument favur li nieħdu azzjoni flimkien huwa b'saħħtu.

Il-prezz jekk ma nagħmlux dan huwa kbir u kwantifikabbli. Il-prezz tan-‘nuqqas ta' Ewropa’ ġie stabbilit permezz ta' volum qawwi ta' evidenza akkademika. Wieħed jista' ma jaqbilx mal-figuri. Imma li ma nwettqux lil “Liżbona” jkollu tassew il-prezz tiegħu. L-aħjar xhieda nistgħu insibuha fit-tkabbir tad-distakk bejn il-potenzjal tat-tkabbir ekonomiku ta' l-Ewropa u dak ta' partners ekonomiċi oħra. Madankollu, ir-rebħ potenzjali minn integrazzjoni ekonomika aktar wiesgħa u profonda f'Ewropa mkabbra huma enormi.

Din ir-reviżjoni intermedja tgħid kif nistgħu nġinu lill-Ewropa tiffaċċja l-isfidi tat-tkabbir ekonomiku u ta' l-impjiegi. Hija tnedi l-idea ta' Ħidma bi Sħab għat-Tkabbir Ekonomiku u għall-Impjiegi, appoġġjata minn Programm ta' Azzjoni għall-Unjoni u Programmi Nazzjonali ta' Azzjoni li fihom impenji sodi. Hija tibni fuq tliet kunċetti ċentrali:

- L-ewwel, **L-Azzjonijiet ta' l-Ewropa jinħtieġ li jkunu aktar ikkonċentrati**. Irridu nikkonċentraw l-isforzi kollha tagħna biex inwettqu fil-prattika politika li tħalli l-ikbar impatt. Dan ifisser li nżommu mal-wegħdiet eżistenti, nibnu fuq ir-riformi li diġa bdew f'kull Stat Membru u nagħtu bidu għal azzjoni ġdida fejn hija meħtieġa sabiex iżżommna mexjin lejn il-mira tagħna. Dan jitlob identifikazzjoni rigoruża tal-prijoritajiet min-naħa tal-Kummissjoni u sisien qawwija ta' appoġġ sod mill-Kunsill Ewropew u mill-Parlament Ewropew.
- It-tieni, irridu **nimmobilitaw l-appoġġ għall-bidla**. Li nistabbilixxu parteċipazzjoni wiesgħa u effettiva fl-għanijiet ta' Liżbona huwa l-aħjar mod biex niżguraw li l-kliem jitbiddu friżultati. Dawk kollha, f'kull livell, li huwa fl-interess tagħhom is-suċċess ta' Liżbona għandhom ikunu involuti fit-twettiq ta' dawn ir-riformi. Dawn għandhom isiru parti mid-dibattitu politiku nazzjonali.
- It-tielet, **Liżbona rridu nissimplifikawha u nhaffuha**. Dan ifisser li niċċaraw min huwa responsabbli li jagħmel liema ħaġa, li nissimplifikaw ir-rappurtaġġ u li nagħtu appoġġ

għat-twettiq permezz tal-Programmi ta' l-Azzjoni sew ta' l-Unjoni kif ukoll dawk Nazzjonali. Għandu jkun hemm sett integrat ta' "linji ta' gwida" biex joffri qafas għall-azzjoni ta' l-Istati Membri, appoġġat minn rapport wieħed biss fuq il-livell ta' l-Unjoni u rapport wieħed biss fuq il-livell nazzjonali li jippreżentaw il-progress li jkun sar. Dan għandu jnaqqas b'mod apprezzabbli l-piż ta' rapurtaġġ nazzjonali li jaqa' fuq l-Istati Membri.

Dan kollu għandu jitpoġġa fuq l-isfond ta' riformi aktar wiesgħa. Irridu nipprovdu r-riżorsi li jikkorrispondu ma' l-ambizzjoni tagħna sew fuq il-livell ta' l-UE u kif ukoll fuq dak nazzjonali.

Kundizzjonijiet makroekonomiċi b'saħħithom huma essenzjali bħala bażi għal sforz kredibbli biex jiżdied it-tkabbir ekonomiku potenzjali u biex jinħolqu l-impjiegi. Il-bidliet proposti għall-patt ta' l-istabbiltà u tkabbir ekonomiku ta' l-Unjoni Ewropea – ir-regoli li fuq il-livell ta' l-UE jiggvernaw il-politika tal-baġit nazzjonali – għandhom ikomplu jstabbilizzaw l-ekonomija tagħna, filwaqt li jiżguraw li l-Istati Membri jkunu jistgħu jagħtu sehmhom sħiħ fil-ħolqien tal-kundizzjonijiet għat-tkabbir fit-tul.

Fuq il-livell Ewropew, id-dibattitu dwar il-qafas finanzjarju futur ta' l-Unjoni sa l-2013 ("il-Prospettivi Finanzjarji") għandu jżomm quddiem għajnejh il-konsegwenzi ta' l-ambizzjoni tagħna ta' Liżbona, u jappoġġa l-prijoritajiet ta' Liżbona fil-baġit futur ta' l-UE. Irridu nipprovdu l-appoġġ u l-investment li teħtieġ ekonomija moderna ta' l-għarfien, nużaw ir-riżorsi tagħna b'modi li jgħinuna naddattaw irwieħna għal kundizzjonijiet ekonomiċi u soċjali li jkunu qed jinbidlu, u nħaddmu programmi li jipprovdu l-inċentivi meħtieġa sabiex l-Istati Membri jikkonċentraw l-ispiża nazzjonali tagħhom fuq l-għanijiet ta' Liżbona. Il-proposti tal-Kummissjoni għall-Perspettivi Finanzjarji jirriflettu dawn il-prijoritajiet.

Jekk nistgħu nlaqqgħu flimkien l-ambizzjoni, ir-riżorsi u l-ideat tajbin; jekk nistgħu nittrasformawhom sa tmiem id-deċennju f'bidliet konkreti u li jibqgħu; u jekk nistgħu nappoġġaw lil Liżbona billi nagħlqu d-distakk ta' l-investment fl-ekonomija tagħna u nagħtu bidu għal kampanja ġdida favur koeżjoni aktar qawwija madwar il-kontinent tagħna, imbagħad inkunu nistgħu nerġgħu naraw il-miri ta' Liżbona jfeġġu fuq ix-xefaq.

Dan hu l-bidu ġdid li l-Ewropa għandha bżonn.

## Sinteżi

Ħames snin ilu l-Unjoni Ewropea nediet aġenda ambizzjuża ta' riforma. Matul l-aħħar sena, l-Kummissjoni tat ħarsa lura lejn il-progress li sar. Dan wassal għal dibattitu mqanqal fuq il-livell Ewropew u dak nazzjonali fost dawk kollha li għandhom interess fis-suċċess ta' Liżbona. Barra minn dan, il-Kummissjoni bbenefikat mix-xogħol tal-Grupp ta' Livell Għoli ppresedut minn Wim Kok, li ppreżenta r-rapport tiegħu f'Novembru li għadda. Illum, hemm kunsens ġenerali li l-Ewropa hija 'l bogħod milli tilħaq il-potenzjal għall-bidla li toffri l-istrateġija ta' Liżbona. Filwaqt li kulħadd jaqbel sew fuq id-dijanjsi u kif ukoll fuq ir-rimedji, ir-realtà hi li ma sarx biżżejjed progress.

Dan ir-Rapport, f'dan l-istadju intermedju ta' Liżbona, issa jgħid kif nistgħu naħdmu flimkien għall-futur ta' l-Ewropa u nergħu inpoġġu l-aġenda ta' Liżbona lura fuq il-binarji tagħha.

### *L-Istrateġija Mġedda ta' Liżbona – x'se jinbidel?*

Il-Kummissjoni tipproponi bidu ġdid għall-Istrateġija ta' Liżbona, li nikkonċentraw l-isforzi tagħna fuq żewġ ħidmiet prinċipali - **li nwettqu tkabbir ekonomiku aktar qawwi u li jibqa' u li nkatru u ntejbu l-impjiegi**. Iċ-ċavetta biex nilliberaw ir-riżorsi meħtieġa sabiex nilħqu l-ambizzjonijiet aktar wiesgħa tagħna fl-oqsma ekonomiċi, soċjali u ambjentali hija li naffrontaw l-isfida li għandha l-Ewropa fil-qasam tat-tkabbir ekonomiku u ta' l-impjiegi; filwaqt li l-ilħiq ta' dawk l-għanijiet aktar wiesgħa jikkonsolida s-suċċess tar-riformi tagħna. Biex dan ikun possibbli, huma kruċjali kundizzjonijiet makroekonomiċi b'saħħithom, b'mod partikolari li nżommu ma' politika makroekonomika mmirata lejn l-istabbiltà u ma' politika soda tal-baġit.

### *I Niżguraw it-twettiq*

It-twettiq huwa l-kwistjoni prinċipali għall-Istrateġija ta' Liżbona, sew fuq il-livell Ewropew kif ukoll fuq dak nazzjonali. **L-implimentazzjoni ta' l-aġenda tar-riformi tinhtiegħ Sħubija mġedda għat-tkabbir ekonomiku u għall-impjiegi.**

Fejn jidħol il-livell ta' l-UE, il-Kummissjoni se twettaq ir-rwol ċentrali tagħha li tniedi l-politika u li tiżgura l-implimentazzjoni.

Fl-istess ħin, **l-Istati Membri** għandhom iwettqu dawk ir-riformi ta' Liżbona li għadhom ma sarux minkejja li kienu miftehna. Dan għandu jkun appoġġat mill-Programmi Nazzjonali ta' Liżbona – li jgħidu kif dan se jitwettaq. (*ara t-tmexxija aktar 'l isfel*).

### *II Programm imġedded ta' Azzjoni ta' Liżbona*

Dan ir-rapport mhuwiex qed jipprova jerġa jikteb mill-ġdid l-istrateġija ta' Liżbona, imma qiegħed jidentifika miżuri ġodda fuq il-livell Ewropew u dak nazzjonali li se jrin jgħinuna niżguraw li l-viżjoni tagħna ta' Liżbona sseħħ.

### *Post aktar attraenti fejn wieħed jinvesti u jaħdem*

- Inwessgħu u nappfondixxu s-suq intern
- Intejbu s-sistemi regolatorji Ewropej u nazzjonali
- Niżguraw swieq miftuħa u kompetittivi sew fl-Ewropa kif ukoll barra minnha
- Nespandu u ntejbu l-Infrastruttura Ewropea

- ✓ Irridu nwessgħu u nappfondixxu s-suq intern. L-Istati Membri għandhom itejbu **t-twettiq tal-leġislazzjoni eżistenti ta' l-UE** jekk irridu li l-intrapriżi u l-konsumaturi jgawdu l-benefiċċji kollha. F'għadd ta' Stati Membri, swieq importanti bħal dawk tat-telekomunikazzjoni, l-enerġija u t-trasport huma miftuħa biss fit-teorija - ħafna wara li skada ż-żmien li fih l-Istati Membri kienu qablu li se jiftħuhom.
- ✓ Riforri kruċjali għandhom meħtieġa biex **jiġi kkompletat is-suq waħdieni** u dawn għandhom jingħataw attenzjoni speċifika: is-suq tas-servizzi finanzjarji, kif ukoll dak tas-servizzi b'mod ġenerali, il-proposta REACH, bażi komuni kkonsolidata għat-taxxi tal-kumpaniji u wkoll il-Brevett tal-Komunità.
- ✓ Il-klima regolatorja trid titjeb. F'Marzu l-Kummissjoni se tvara **inizzjattiva ġdida għal riforma regolatorja**, u se nużaw esperti esterni biex jagħtuna pariri dwar il-kwalità u l-metodoloġija ta' kif inwettqu evalwazzjonijiet ta' l-impatt.
- ✓ Ir-regoli tal-kompetizzjoni għandhom jiġu applikati b'mod proattiv. Dan jgħin biex iqawwi l-kunfidenza tal-konsumaturi. Investigazzjonijiet settorjali ta' l-ostakli għall-kompetizzjoni se jitniedu f'setturi bħall-enerġija, it-telekomunikazzjoni u s-servizzi finanzjarji.
- ✓ L-intrapriżi Ewropej jinħtieġu wkoll swieq globali miftuħa. L-Unjoni se tagħfas ħafna **sabiex tiġi konkluzja u implimentata il-Fażi Ta' Żvilupp ta' Doha**, u wkoll sabiex isir progress f'relazzjonijiet ekonomiċi oħra bilaterali u reġjonali.

### *L-għarfien u l-innovazzjoni għat-tkabbir ekonomiku*

- Inżidu u ntejbu l-investment fir-Riċerka u l-Iżvilupp
- Niffaċilitaw l-innovazzjoni, l-adozzjoni tat-Teknoloġija ta' l-Informatika u l-Komunikazzjoni (ICT) u l-użu sostenibbli tar-riżorsi
- Nikkontribwixxu għal bażi industrijali Ewropea b'saħħitha

- ✓ L-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha ta' l-Istati Membri jridu jaħdmu biex jappoġġaw l-innovazzjoni, sabiex **nirrealizzaw il-viżjoni tagħna ta' soċjetà ta' l-għarfien**. L-issuktur tal-konċentrazzjoni ta' l-Unjoni fuq oqsma bħas-soċjetà ta' l-informazzjoni, il-bijoteknoloġija u l-eko-innovazzjoni għandha



tgħinhom f'dan.

- ✓ Aktar investiment **sew mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat fl-infiq għar-riċerka u l-iżvilupp**. Fuq il-livell ta' l-UE, hemm bżonn l-adozzjoni f'qasir żmien mill-Parlament u l-Kunsill **tal-programm ta' Qafas għar-Riċerka** u ta' **programm ġdid għall-kompetittività u l-innovazzjoni**. Dawn se jiġu ppreżentati f'April.
- ✓ Bħala parti **mir-riforma** maġġuri **tal-politika ta' l-Għajjuna mill-Istat** li se tibda aktar tard din is-sena, l-Istati Membri u l-partiċipanti reġjonali u oħrajn fil-qasam pubbliku, se jkollhom iżjed possibilità li jwieżnu r-riċerka u l-innovazzjoni, partikolarment mill-intrapriżi żgħar u medji ta' l-UE.
- ✓ It-tixrid ta' l-għarfien permezz ta' sistema edukattiva ta' kwalità għolja huwa l-aħjar mod kif niżguraw il-kompetittività ta' l-Unjoni għall-ġejjieni fit-tul. B'mod partikolari, l-Unjoni għandha tiżgura li l-universitajiet tagħna jkunu jistgħu jikkompetu ma' l-aqwa fid-dinja permezz tat-tlestija ta' l-Ispazju Ewropew għall-Edukazzjoni Għolja.
- ✓ Il-Kummissjoni sejra tipproponi l-ħolqien ta' **“Istitut Ewropew għat-Teknoloġija”**.
- ✓ Il-Kummissjoni sejra tappoġġa u tinkoraġġixxi **Poli ta' Innovazzjoni** maħsuba biex jgħinu lill-operaturi reġjonali jlaqqgħu flimkien l-aħjar imħuħ fix-xjenza u l-kummerċ mar-riżorsi meħtieġa, sabiex iwasslu l-ideat mil-laboratorju għall-produzzjoni kummerċjali.
- ✓ Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom iżidu l-isforzi tagħhom favur **il-promozzjoni ta' l-eko-innovazzjoni** li tista' ggħib titjib sostanzjali sew fil-livell ta' l-għajjien tagħna kif ukoll fit-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, pereżempju f'oqsma bħall-użu sostenibbli tar-riżorsi, il-bidla fil-klima u l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija.
- ✓ It-tiħib ma' l-industrija se jkun meħjun ukoll mill-**Inizjattivi Ewropej għat-Teknoloġija**, li jibnu fuq l-esperjenza tas-sistema Galileo tan-navigazzjoni bisatellita. L-ewwel waħda minn dawn għandha tibda tidher fl-2007 ladarba l-Programm ta' Qafas għar-Riċerka li jmiss ikun beda jopera.

*It-tkattir u t-titjib ta' l-impjiegi*

- Niġbdu aktar nies lejn l-impjiegi u nimmodernizzaw is-sistemi tal-ħarsien soċjali
- Intejbu l-adattabilità tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi u l-flessibilità tas-swieq tax-xogħol
- Ninvestu aktar fil-kapital uman permezz ta' edukazzjoni aħjar u titjib tal-ħiliet

- ✓ **L-Imsieħba Soċjali huma mistiedna li jiżviluppaw pjan ta' azzjoni konġunt għal Liżbona** qabel il-Kunsill Ewropew tar-Rebbieġha 2005 li fih

jidentifikaw il-kontribut tagħhom għall-ilħiq tal-miri ta' Liżbona.

- ✓ L-Istati Membri u l-imsieħba soċjali jridu **jżidu l-isforzi tagħhom sabiex jgħollu l-livell ta' l-okkupazzjoni** partikolarment billi jsegwu politika attiva favur l-impjiegi li tgħin lil min qed jaħdem u tipprovdu l-inċentivi biex ikompli jaħdem, jiżviluppaw politika favur haġja attiva għal dawk li deklin fix-xjuħija biex jiskoraġġixxu lin-nies milli jitolqu kmieni wisq mill-forza tax-xogħol, u billi jimmodernizzaw is-sistemi tal-ħarsien soċjali, sabiex dawn ikomplu joffru s-sigurtà meħtieġa biex tgħin lin-nies jaċċettaw il-bidla.
- ✓ Il-futur ta' l-Ewropa u ta' l-Istrateġija ta' Liżbona huwa marbut mill-qrib **maż-żgħażaġh**. L-Unjoni u l-Istati Membri iridu jiżguraw li r-riformi proposti jgħinu biex jagħtuhom l-ewwel ċans fil-ħajja u jagħtuhom il-ħiliet meħtieġa matul haġjithom. L-Unjoni trid ukoll tiżviluppa l-prijoritajiet tagħha biex tirispondi għall-isfidi demografiċi li għandna quddiemna.
- ✓ L-Istati Membri u l-imsieħba soċjali jridu jtejbu **l-adattabilità tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi kif ukoll il-flessibilità tas-swieq tax-xogħol** biex jgħinu lill-Ewropa taġġusta ruħha għar-ristrutturar u għal bidliet fis-suq.
- ✓ Quddiem it-tnaqqis fil-għadd tal-ħaddiema, neħtieġu **strateġija li tkun żviluppata tajjeb fir-rigward ta' l-immigrazzjoni legali**. Il-Kummissjoni se tippreżenta pjan qabel l-aħħar ta' l-2005 fuq il-bażi tal-konsultazzjoni pubblika li tinsab għaddejja bħalissa.
- ✓ L-Ewropa jinhteġilha li **tkattar u ttejjeb l-investimenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ**. Billi tikkonċentra fuq il-livell Ewropew u dak nazzjonali fuq il-ħiliet u fuq l-edukazzjoni matul il-ħajja hija tagħmilha eħfef għan-nies li jgħaddu għal impjiegi ġodda. Dan għandu jiġi meġjun mill-adozzjoni din is-sena tal-**Programm għall-Edukazzjoni matul il-Ħajja** fuq il-livell ta' l-UE u fl-2006 mill-preżentazzjoni mill-Istati Membri ta' strateġiji għall-edukazzjoni matul il-ħajja.
- ✓ L-Ewropa tinhteġ ukoll **iżjed mobbiltà fost il-ħaddiema**. Il-mobbiltà fuq it-territorju ta' l-Unjoni tkun meġjuna wkoll mill-adozzjoni bikrija tal-qafas għall-**kwalifiki professjonali** li għadu pendent. Il-Kummissjoni se tressaq proposti matul l-2006 sabiex jiġi ssimplifikat **ir-rikonoxximent tal-kwalifiki** fuq bażi reċiproka. L-Istati Membri għandhom iħaffu t-tneħħija ta' kull restrizzjoni fuq il-mobbiltà tal-ħaddiema mill-pajjiżi li m'ilhomx li daħlu fl-Unjoni.
- ✓ L-awtoritajiet reġjonali u lokali għandhom iħejju proġetti li jqarrbuna lejn l-ilħiq ta' l-ambizzjoni tagħna ta' Liżbona. **Il-fażi li jmiss ta' Fondi Strutturali** (fosthom dawk għall-iżvilupp rurali) qed tiġi mfassla mill-ġdid fid-dawl ta' dan – biex tikkonċentra iżjed fuq kif tista' tgħin ħalli twettaq it-tkabbir ekonomiku u toħloq l-impjiegi fuq livell lokali.

### III Intejbu t-tmexxija ta' Liżbona

It-tmexxija ta' **I-Istrateġija ta' Liżbona tinħtieġ titjib radikali biex issir aktar effettiva u tkun tinftiehem aktar faċilment**. Ir-responsabbiltajiet huma mqassma b'mod xejn ċar bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. Hemm wisq proċeduri ta' rappurtaġġ burokratiċi u li jitrikku fuq xulxin u m'hemmx biżżejjed pussess politiku.

Biex jiġi ċċarat sew dak li hemm bżonn isir kif ukoll min huwa responsabbli li jagħmlu, il-Kummissjoni se tressaq Programm ta' Azzjoni għal Liżbona.

Barra minn dan, il-Kummissjoni qed tipproponi strateġija integrata sabiex **jitħaffu l-Linji Ġenerali ta' Gwida għall-Politika Ekonomika u ta' l-Impjiegi eżistenti, fi ħdan ċiklu ġdid ekonomiku u ta' l-impjiegi**. Fil-ġejjieni, sett integrat ta' Linji ta' Gwida flimkien mal-Programm ta' Azzjoni għal Liżbona se jintuża biex imexxi 'l quddiem l-aġenda tar-riforma. Dawn se jkopru l-politika makroekonomika, l-impjiegi u r-riformi strutturali. Min-naħa tagħhom, l-Istati Membri huma mistennija li jaddottaw Programmi Nazzjonali ta' Azzjoni għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, imsaħħa b'impenji u b'miri, wara diskussjoni wiesgħa fuq livell nazzjonali.

Biex jgħaqqdu dan kollu flimkien, l-Istati Membri għandhom jappuntaw **“Sur” jew “Sinjura Liżbona” fuq il-livell governattiv**.

**Ir-rappurtaġġ ukoll se jiġi ssimplifikat**. Se jkun hemm rapport wieħed ta' Liżbona fuq il-livell ta' l-UE u fuq dak nazzjonali dwar il-progress li jkun sar. Dan il-proċess ġdid ta' rappurtaġġ se jipprovdi mekkaniżmu li permezz tiegħu il-Kunsill Ewropew u l-Parlament Ewropew ikunu jistgħu jikkonċentraw fuq kwistjonijiet importanti ta' politika mingħajr ma jkunu mgħobbija bil-għadd kbir ta' rapporti settorjali li huma bħalissa parti miċ-ċiklu annwali.

Din l-istrateġija se tagħmilha eħfef għall-Kunsill Ewropew li jagħti gwida Prattika kull Rebbiegħa u għall-Kummissjoni li twettaq ir-rwol tagħha ta' monitoraġġ tal-progress lejn il-miri ta' Liżbona, filwaqt li toffri inkoraġġiment u tipproponi azzjoni addizzjonali biex Liżbona tinżamm fuq il-binarji tagħha.

\* \* \*

Fuq din il-bażi, l-Kummissjoni tirrakkomanda lill-Kunsill Ewropew li:

- Ivara Sħubija ġdida għat-Tkabbir Ekonomiku u għall-Impjiegi
- Japprova l-Programm Komunitarju ta' Azzjoni u jitlob lill-Istati Membri biex jstabilixxu l-Programmi Nazzjonali ta' Azzjoni tagħhom
- Japprova l-arranġamenti l-ġodda għat-tmexxija ta' l-Istrateġija ta' Liżbona ppreżentati f'dan ir-Rapport, sabiex itejjeb l-effikaċja tat-twettiq tal-politika fuq il-livell tal-Komunità u dak nazzjonali, u sabiex jinkoraġġixxi dibattitu reali u pussess politiku ġenwin tal-miri tagħna ta' Liżbona.

## 1. IT-TKABBIR EKONOMIKU U L-IMPJIEGI TAĦT IL-LENTI

*L-aġenda ta' Liżbona kienet maħsuba biex tillibera l-potenzjal ta' l-Unjoni ...*

Is-Suq Waħdieni, l-Ewro u t-tkabbir riċenti ta' l-Unjoni juru **l-potenzjal li għandha l-Unjoni biex tilħaq għanijiet ambizzjużi**. Għal aktar minn nofs seklu, l-Unjoni bniet il-paċi u l-prosperità. Hija kompliet miexja 'l quddiem minkejja t-tibdiliet fix-xenarju ekonomiku, politiku u soċjali. Għamlet dan billi stabbiliet miri komuni u ħadmet flimkien biex tilħaqhom; l-Unjoni u l-Istati Membri, il-Gvernijiet u s-soċjetà ċivili, l-intrapriżi u ċ-ċittadini. Dan l-istess dinamiżmu wassal għat-tnedija ta' l-aġenda ambizzjuża għar-riforma f'Marzu 2000 fil-Kunsill Ewropew ta' Liżbona. Hija indikat it-triq lejn ekonomija kompetittiva, inklużiva u msejsa fuq l-għarfien, u offriet risposta Ewropea għall-isfidi urġenti li għandu quddiemu l-kontinent tagħna.

*...iżda ma sarx biżżejjed progress.*

Illum, naraw li t-taħlita tal-kundizzjonijiet ekonomiċi, l-inċertezza internazzjonali, il-progress kajman fl-Istati Membri u t-telf gradwali tal-konċentrazzjoni wassal biex Liżbona tilfet it-triq. Madankollu, l-isfidi saru jekk xejn aktar urġenti quddiem il-kompetizzjoni globali u popolazzjoni li qed tixjeh; fatturi li huma saħansitra aktar evidenti llum milli kienu ħames snin ilu. Din il-valutazzjoni hija l-istess bħal dik tar-Rapport ippreżentat mill-Grupp ta' Livell Għoli ppresedut minn Wim Kok<sup>1</sup>. Huwa għamel enfasi fuq **il-progress mhux suffiċjenti** ta' l-Ewropa lejn l-ilħiq ta' l-għanijiet ta' l-istrateġija ta' Liżbona. B'reazzjoni għal dan, irridu nerġgħu nistabbilixxu l-kunfidenza fil-kapaċità ta' l-Ewropa li toħloq il-kundizzjonijiet biex tilħaq l-għanijiet tagħha. L-Ewropa tista' tibni fuq it-tradizzjoni u d-diversità rikka tagħha, il-mudell soċjali uniku tagħha u tisaħħaħ mit-tkabbir riċenti li jagħmilha l-ikbar suq waħdieni u l-ikbar blokk kummerċjali fid-dinja.

*It-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi huma l-proġett il-kbir Ewropew li jmiss.*

Il-konklużjoni l-aktar importanti tar-rapport Kok hija li "l-promozzjoni tat-tkabbir ekonomiku u ta' l-impjiegi fl-Ewropa huma l-proġett il-kbir Ewropew li jmiss". Il-Kummissjoni tipproponi li nikkonċentraw l-aġenda ta' Liżbona mill-ġdid fuq azzjonijiet li jippromwovu **t-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi** b'mod li huwa għal kollox **konsistenti ma' l-għan ta' l-iżvilupp sostenibbli**. L-azzjonijiet li jaqgħu taħt din l-istrateġija għandhom jirrinforzaw il-potenzjal ta' l-Unjoni li tilħaq u tkompli tiżviluppa l-għanijiet ambjentali u soċjali tagħna. Madankollu, l-isfida hi li niddefinixxu issa strateġija li tindirizza l-oqsma li fihom l-Ewropa mhijiex sejra tajjeb (pereżempju, it-tkabbir ekonomiku staġnat u n-nuqqas ta' ħolqien suffiċjenti ta' l-impjiegi).

*Dan jitlob sħubija mġedda.*

Din l-istrateġija trid titmexxa 'l quddiem permezz ta' sħubija mġedda bejn l-Istati Membri u l-Unjoni – bl-involvement sħiħ ta' l-imsieħba soċjali. L-aġenda l-ġdida ta' Liżbona hija bilfors waħda wiesgħa imma sett limitat ta' prioritajiet ta' politika se jkun ċentrali għas-suċċess tagħha. Irridu nikkonċentraw fuq dawn biex niżguraw is-suċċess ta' kollox. It-tweqqiq se jkun kruċjali u t-titjib fil-mekkaniżmi eżistenti tat-tweqqiq huwa meħtieġ

<sup>1</sup> Rapport mill-Grupp ta' Livell Għoli dwar l-Istrateġija ta' Liżbona, ppresedut minn Wim Kok, Novembru 2004. [http://europa.eu.int/comm/lisbon\\_strategy/group/index\\_en.html](http://europa.eu.int/comm/lisbon_strategy/group/index_en.html)

b'urġenza. Dan jitlob metodu mħaffef u effettiv ta' ħidma sabiex tiġi implimentata l-istrateġija li torbot flimkien l-Unjoni u l-Istati Membri. Biex dan ikun possibbli, l-aġenda ta' Liżbona jrid ikun hemm pussess dirett tagħha minn dawk kollha kkonċernati sew fuq il-livell ta' l-UE, nazzjonali, reġjonali u lokali: l-Istati Membri, iċ-ċittadini Ewropej, il-parlamenti, l-imsieħba soċjali u s-soċjetà ċivili u l-istituzzjonijiet kollha tal-Komunità. Dawn ilkoll għandhom jikkontribwixxu għall-bini tal-futur ta' l-Ewropa. Wara kolloxx, kulħadd se jgawdi mill-futur li l-aġenda ta' Liżbona qed tipprova ssawwar. L-iskop ta' l-istrateġija mġedda ta' Liżbona hu li tagħmel użu minn dan il-potenzjal għaċ-ċittadini tagħna. Hija titkellem dwar l-opportunità u dwar viżjoni komuni għall-progress.

*Kundizzjonijiet makroekonomiċi tajbin huma l-punt tat-tluq għas-suċċess.*

### ***Kundizzjonijiet u politika makroekonomiċi tajbin***

Kundizzjonijiet makroekonomiċi tajbin huma essenzjali biex iservu ta' bażi għal sforz kredibbli biex jtkattar it-tkabbir ekonomiku potenzjali u jinħoloq ix-xogħol. B'mod partikolari, se jkun kruċjali li nkomplu nsegwu politika makroekonomika orjentata fuq l-istabbiltà u politika soda tal-baġit. Il-Gvernijiet iridu, filwaqt li jsostnu jew jippruvaw jibnu finanzi pubbliċi f'saħħithom, jagħtu l-ikbar kontribut possibbli għat-tkabbir ekonomiku u l-impjegi.

Il-bidliet proposti għall-patt ta' stabbiltà u tkabbir ekonomiku ta' l-Unjoni Ewropea – ir-regoli li fuq il-livell ta' l-UE jiggvernaw il-politika tal-baġits nazzjonali – għandhom ikomplu jstabilizzaw l-ekonomija tagħna, filwaqt li jiżguraw li l-Istati Membri jkunu jistgħu jwettqu r-rwol sħiħ tagħhom fil-ħolqien tal-kundizzjonijiet għat-tkabbir ekonomiku fit-tul.

### ***Il-produttività u l-impjegi***

L-istrateġija ta' Liżbona tagħti importanza ndaqs lit-tkattir ta' l-impjegi u tal-produttività, permezz ta' titjib fil-kompetittività.

*Tkattir u titjib ta' l-impjegi....*

Is-swieq tax-xogħol għandhom jitħallew jiffunzjonaw aħjar u jipprovdu inċentivi għan-nies biex jaħdmu u għall-intrapriżi biex jimpjegawhom, u biex –ikattru u jtejbu l-impjegi. Dan se jitlob investment konsiderevoli fir-riżorsi umani, u adattabilità akbar tal-ħaddiema fi swieq tax-xogħol aktar inklużivi.

*...kompetittività mtejba permezz tat-tkabbir tal-produttività ...*

Ir-rata tat-tkabbir tal-produttività naqset ħafna fl-UE. Li nreġġgħu lura din it-tendenza hija l-ikbar sfida fil-qasam tal-kompetittività li għandha quddiemha l-Unjoni. Fl-istess ħin, irridu nimmiraw għal żidiet li jibqgħu fil-produttività f'kull settur fundamentali ta' l-ekonomija. Flimkien mat-titjib tal-ħiliet tal-ħaddiema, investimenti ikbar u l-użu ta' l-ICT madwar l-ekonomija kollha kemm hi, ambjent kompetittiv f'saħħtu u l-bilanċ tajjeb ta' regolamentazzjoni huma ta' importanza ewlenija biex intejbu l-produttività. Madankollu, il-lista mgħobbija żżejjed ta' għanijiet politiċi li għandha Liżbona tfiet l-importanza ta' dawn il-miżuri li jistgħu jstimulaw it-tkabbir fil-produttività. Minn issa 'l quddiem, ir-riformi strutturali, permezz ta' miżuri bħal dawn, għandhom ikunu pern fl-istrateġija mġedda

ta' Liżbona.

*...iridu jimxu id f'id.*

Iż-żieda fil-produttività u t-tkattir ta' l-impjiegi jridu jimxu id f'id. Irridu nevitaw it-tip ta' tkabbir ekonomiku mingħajr żieda fl-impjiegi li tappan ir-rendiment ta' l-ekonomija Amerikana fl-aħħar snin. Fl-istess ħin, irridu nergġhu indaħħlu lil dawk li ilhom ħafna bla xogħol, u lil dawk li huma relattivament nieqsa mill-ħiliet, lura fid-dinja tax-xogħol. Dan jista' jkollu impatt fuq ir-rata li biha l-produttività tagħna tista' titjeb. L-enfasi qawwi fuq l-għarfien, l-edukazzjoni u l-innovazzjoni fl-istrateġija mġedda tagħna ta' Liżbona se tagħti lin-nies l-opportunità li jutilgħu is-sellum tal-produttività u tigarantixxi li b'mod ġenerali l-produttività tagħna tikber malajr.

*Swieq internazzjonali miftuħa huma importanti.*

**Il-ftuħ tas-swieq internazzjonali** u t-tkabbir ekonomiku qawwi fl-ekonomiji li qed jindustrijalizzaw se jagħtu kontribut apprezzabbli għat-tkabbir ekonomiku u għall-impjiegi. Madankollu, dan jiġri biss jekk jirnexxielna niżguraw proċess aktar profund u aktar mġaġġel ta' aġġustament strutturali ta' l-ekonomija tagħna biex nallokaw mill-ġdid ir-riżorsi lejn setturi li fihom l-Ewropa għandha vantaġġ komparattiv. Huwa għalhekk kritiku għas-suċċess ta' l-istrateġija mġedda ta' Liżbona li niffaċilitaw il-bidla lejn setturi aktar kompetittivi u lejn impjiegi ta' kwalità aħjar.

*Ir-responsabbiltà trid tinqasam bejn il-livell ta' l-UE u dak nazzjonali.*

Fuq dan l-isfond, it-tmexxija 'l quddiem ta' l-aġenda politika tagħna tiddependi fuq azzjoni sew fuq il-livell ta' l-UE kif ukoll dak nazzjonali. Is-suċċess jiddependi fuq li naqsmu flimkien ir-responsabbiltajiet u l-pussess. Huwa għalhekk li s-šhubija hija indispensabbli.

## **2. NIBNU ŠHUBIJA EWROPEA GĤAT-TKABBIR EKONOMIKU U L-IMPJIEGI**

*Tkabbir ekonomiku u impjiegi – l-ewwel eżempju tas-Šhubija tagħna għat-tiġdid Ewropew*

Il-Kummissjoni dan l-aħħar ipproponiet li tinbena šhubija għat-tiġdid Ewropew<sup>2</sup>. Din tiffirma parti mill-programm strateġiku għall-2005-2009 u għandha l-għan li tħalli lill-Istati Membri, lill-Unjoni Ewropea u lill-imsieħba soċjali biex jaħdmu flimkien lejn l-istess għan. Kif intqal diġà, it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi se jkun fuq quddiem nett ta' din is-šhubija. Ir-reazzjonijiet li kien hemm s'issa juru biċ-ċar li tassew hemm ir-rieda li naħdmu lejn din l-ambizzjoni mġedda.

*Sabiex nirmexxu rridu mmexxu Liżbona 'l quddiem billi...*

*Il-Kummissjoni qiegħda għalhekk tagħmel sejħa lil dan il-Kunsill Ewropew ta' Marzu sabiex jerġa' jniedi l-Istrateġija ta' Liżbona permezz ta' Šhubija Ewropea għat-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi. Is-šhubija se jkollha għan wieħed u wieħed biss: li tħaffef u tgħaġġel it-twettiq tar-riformi meħtieġa biex jagħtu spinta lit-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi.*

<sup>2</sup> KUMM(2005)12, Għanijiet strateġiċi 2005-2009. Ewropa 2010: šhubija għat-tiġdid Ewropew – Ġid, solidarjetà u sigurtà.

Għandha ġgħib magħha valur miżjud sod jekk f'qasir żmien trid tagħti frott konkret:

*... nimmobilitaw l-appoġġ ...*

- **L-elementi differenti jaħdmu flimkien.** L-immobilitar u l-isforz kollettiv huma l-elementi ewlenin ta' din is-Sħubija. L-isfidi huma sfidi komuni li jaffetwaw il-mudell tagħna ta' żvilupp. Għandna naffrontawhom flimkien – wara kollox, il-kontributi individwali huma essenzjali biex niżguraw suċċess kollettiv. Id-daqs ta' l-isfidi huwa hekk kbir, u l-ekonomiji tagħna tant jiddependu fuq xulxin, li l-ebda Stat Membru ma huwa kapaċi jħabbat wiċċu ma' din il-biċċa xogħol waħdu.

*... nifirxu s-sens ta' pussess ...*

- **Jiġi żgurat** li dawn l-għanijiet u r-riformi **jingħarfu tassew** mill-partijiet kollha. L-Istrateġija ta' Liżbona ma rnexxilhiex timpenja biżżejjed lill-partijiet ewlenin għal dak li għandu x'jaqsam mal-kisba tar-riżultati, partikolarment fuq livell nazzjonali. L-immobilitar huwa possibbli biss jekk il-partijiet varji jħossu li l-miżuri proposti jolqtuhom tassew, u li huma involuti tassew fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet u tat-twettiq tagħhom. L-Istati Membri għalhekk qed jintalbu sabiex jipproduċu programm ta' azzjoni nazzjonali waħdieni – wara li ssir konsultazzjoni wiesgħa – u rapport nazzjonali waħdieni dwar l-Istrateġija ta' Liżbona (ara punt 4).

*...u nsaħħu l-prijoritajiet.*

- **Jiġu ffukati mill-ġdid** l-isforzi fuq l-għanijiet ta' prijorità u li jidhru, bl-appoġġ ta' miżuri konkreti li jwasslu għat-**tkabbir ekonomiku** u l-impjiegi. Dan huwa ta' importanza fundamentali jekk irridu li Liżbona tirnexxi. Huwa biss billi jiġu identifikati prijoritajiet ċari u konkreti li nistgħu nwasslu lin-nies biex jappoġġjaw l-istrateġija u jimpenjaw irwieħhom fiha.

Sabiex din is-sħubija tagħti l-frott, teħtieġ, fuq il-livell nazzjonali, l-impenn kollu ta' kull imsieħeb.

### 3. AZZJONIJIET BIEK JINKISEB IT-TKABBIR EKONOMIKU U L-IMPJIEGI

#### 3.1. Programm ta' Azzjoni għal Liżbona għall-Unjoni u l-Istati Membri

*Tliet oqsma ewlenin ...*

Fil-qalb tas-sħubija proposta għat-**tkabbir ekonomiku** u l-impjiegi hemm **Programm ta' Azzjoni għal Liżbona**. Dan jelenka l-prijoritajiet li għandhom jgħinu lill-Unjoni u lill-Istati Membri sabiex iżidu l-produttività u jkattru u jtejbu l-impjiegi. Tkopri azzjonijiet fi tliet oqsma ewlenin:

- **Li l-Ewropa ssir post li jiġbed aktar investiment u xogħol,**
- **L-għarfien u l-innovazzjoni għat-**tkabbir ekonomiku,****
- **It-**tkattir** u t-**titjib** ta' l-impjiegi**

*... se nissimplifikaw il-mod ta' ħidma tagħna ...*

Dan se jiffoka mill-ġdid l-istrateġija mġedda ta' Liżbona. Jagħti sens aktar ċar tal-prijoritajiet. Iwieġeb għall-kritika li Liżbona kellha wisq prijoritajiet, u li kienet kumplessa wisq biex in-nies jifhmuha tassew.

*... jintqal min se jagħmel xiex, sa meta u kif se nkejlu l-progress.*

Il-Programm ta' Azzjoni ta' Liżbona – li jibni fuq l-esperjenza tal-Programm tas-Suq Intern - jidentifika r-responsabbiltajiet, jagħti skadenzi u jkejjel il-progress. B'mod partikolari, jagħmel distinzjoni ċara bejn azzjonijiet fuq il-livell ta' Stat Membru u dak ta' l-Unjoni Ewropea. L-aktar azzjonijiet importanti huma ppreżentati f'dan il-kapitlu.

*L-istituzzjonijiet kollha ta' l-UE għandhom sehem x'jagħtu.*

Għal dak li jirrigwarda l-livell ta' l-UE, il-Kummissjoni se jkollha rwol ċentrali sabiex tfassal il-politika u tiżgura li din titwettag. Dan se tagħmlu f'ħidma mill-qrib mal-Parlament u l-Kunsill, kif ukoll billi tibbenefika mill-għarfien espert ta' istituzzjonijiet oħra ta' l-UE bħalma huma l-Kumitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew, il-Kumitat tar-Regġuni, jew fil-qasam finanzjarju, il-Bank Ewropew ta' l-Investment.

*L-Istati Membri għandhom jieħdu impenji sodi.*

Fuq il-livell nazzjonali, il-Kummissjoni se tiffaċilita l-proċess billi twaqqaf standards ta' riferiment, tagħti appoġġ finanzjarju, tmexxi 'l quddiem id-djalogu soċjali jew tistabbilixxi l-aħjar prassi. Iżda kien proprju fuq il-livell tas-suċċess konkret li falliet l-ewwel fażi ta' Liżbona. Huwa għalhekk li l-Kummissjoni, billi tqis kullsitwazzjoni nazzjonali speċifika, qed turi fejn l-Istati Membri huma mistennija jieħdu impenji sodi fi ħdan il-programmi nazzjonali ta' azzjoni tagħhom. Dawn l-impenji għandhom ikopru miżuri konkreti, inkluż skeda taż-żmien għall-ħidma u indikaturi ta' progress. Il-Kummissjoni se tkompli l-monitoraġġ u l-kejl tal-progress li jkun qed isir, billi tuża metodu ġdid ta' rappurtaġġ u ta' koordinament kif deskritt hawn taħt.

### **3.2. Li l-Ewropa ssir post li jiġbed aktar investment u xogħol**

Sabiex tingħata spinta lit-tkabbir ekonomiku u lill-impjiegi, jeħtieġ li l-Ewropa ssir post li jattira l-investment u x-xogħol. L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jiffukaw l-azzjonijiet tagħhom fuq il-mezzi ewlenin.

*Neħtieġu ambjent aħjar għall-intrapriżi żgħar u medji tagħna.*

L-azzjoni hija hawnhekk **ta' importanza partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) ta' l-Ewropa** li jiffurmaw 99% ta' l-intrapriżi kollha u jirrapreżentaw żewġ terzi ta' l-impjiegi. Hemm wisq ostakli quddiem min jixtieq isir intraprenditur jew jiftaħ intrapriża, u għalhekk, l-Ewropa qed tiffall l-oportunitajiet. Li ninkoraġġixxu l-inizjattiva intraprenditorjali timplika li għandna nġibu 'l quddiem l-attitudnijiet intraprenditorjali. Għandu jiġi revist il-bilanċ bejn ir-riskju u l-premjura marbuta ma' l-intraprenditorjat. L-istigma tal-falliment tikkumpjika li dak li jkun jerġa' jibda mill-ġdid u saħansitra żżomm lil ħafna milli jiftħu l-ewwel intrapriża. Fl-aħħarnett, fl-Ewropa, minkejja l-progress li sar fl-ewwel ħames snin ta' Liżbona, għad m'hemmx biżżejjed kapital għall-investment riskjuż biex jinbdeu intrapriżi innovattivi minn żgħażaġh u r-regoli tat-taxxi kurrenti xejn ma jinkoraġġixxu ż-żamma tal-qliegħ biex



jinbena l-kapital proprju.

### 3.2.1. *Inwessgħu u napprofondixxu s-Suq Intern*

*Jeħtieġ li nwessgħu u napprofondixxu s-suq intern*

**It-temm tas-Suq Waħdieni**, b'mod partikolari fl-oqsma tas-servizzi, tal-professjonijiet regolati, l-enerġija, it-trasport, ix-xiri pubbliku u s-servizzi finanzjarji tibqa' biċċa xogħol kruċjali. Il-proviżjon ta' servizzi ta' kwalità għolja ta' interess ġenerali għaċ-ċittadini kollha bi prezzijiet li jilħaqhom kulħadd hija meħtieġa wkoll. Qasam tas-servizzi f'saħħtu u miftuħ qed isir dejjem aktar kruċjali għat-tkabbir u l-impjiegi fl-ekonomija ta' l-Ewropa. Il-qasam tas-servizzi kien responsabbli kważi għat-toalità ta' l-impjiegi ġodda maħluqa fl-UE fiż-żmien bejn l-1997 u l-2002. Is-servizzi issa jgħoddu għal 70% tal-valur miżjud ta' l-UE. Il-ħelsien tal-proviżjon ta' dawn is-servizzi se jstimola t-tkabbir ekonomiku u joħloq l-impjiegi. Żieda netta ta' 600.000 impjeg tista' tintlaħaq jekk il-qasam tas-servizzi jiġi meħlus.

Dawn huma oqsma li jistgħu jagħtu riżultat tassew fit-tkabbir u fl-impjiegi u huma ta' rilevanza immedjata għall-konsumaturi. F'ħafna minn dawn l-oqsma, Liżbona diġà lestiet ħafna mil-leġiżlazzjoni, iżda l-Istati Membri qed jiddiżappuntaw lill-intrapriżi u liċ-ċittadini tagħhom billi jittrattaw biex jimplimentawha u jinfurzawha.

*... nixprunaw l-investment u l-innovazzjoni ...*

It-tneħħija ta' l-ostakli li għad baqa' toħloq opportunitajiet ġodda għal dawk li jidħlu fis-suq, u l-kompetizzjoni li tirriżulta tgħin biex jiżdied l-investment u l-innovazzjoni. Dan isir aktar importanti fl-isfond ta' l-istaġnar tal-kummerċ fi ħdan l-UE nnifisha u d-diffikultajiet fil-konverġenza tal-prezzijiet.

*Nużaw mill-aħjar li nistgħu s-servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali*

Is-servizzi pubbliċi għandhom rwol ċentrali f'suq waħdieni effettiv u dinamiku. F'Mejju 2004 il-Kummissjoni ppubblikat *White Paper* li fasslet il-prinċipji li jsejsu l-politika ta' l-UE fil-qasam tas-servizzi ta' interess ġenerali u li indirizzat kwistjonijiet ċentrali bħalma huma l-konnessjonijiet mar-regoli tas-suq intern, tal-kompetizzjoni u ta' l-għajjuna ta' l-istat, u l-għażla tal-fornitur tas-servizz u d-drittijiet tal-konsumatur. Il-Kummissjoni se terġa' lura għal din il-kwistjoni aktar 'il quddiem fl-2005.

*... u l-amministrazzjonijiet nazzjonali għandhom rwol ċentrali.*

Fl-aħħarnett, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistemi regolatorji tagħhom jsiru aktar jaqblu mal-ħtiġijiet ta' suq mifruż ma' l-UE kollha kemm hi. Huwa kruċjali li jiġi żgurat li, fejn meħtieġ, jittejjeb ir-rwol ta' l-amministrazzjonijiet nazzjonali sabiex ikun hemm kundizzjonijiet tas-suq tajbin (pereżempju użu akbar ta' servizzi *on-line* (*e-government*), l-affrontar tal-korruzzjoni u l-frodi). Barra minn hekk, jista' jsir wisq aktar fil-qasam tat-tassazzjoni sabiex is-Suq Waħdieni jkun jista' jaħdem aħjar u jitnaqqsu l-ostakli u t-toqol amministrattivi eżistenti għall-intraprendituri.

## LEGIZLAZZJONI DWAR IS-SUQ WAHDIENI

Il-Pjan ta' **Azzjoni għas-Servizzi Finanzjarji** kien wieħed mis-suċċessi reali ta' l-ewwel fażi ta' l-Istrateġija ta' Liżbona: miżuri leġiżlattivi tlestew fil-ħin; l-Istituzzjonijiet Ewropej ħadmu tajjeb flimkien u nstabu soluzzjonijiet innovattivi biex jimtlew id-dettalji ta' dan il-qafas ġdid u ambizzjuż. Dak li jgħodd issa huwa li jiġi żgurat li r-regoli jiġu applikati b'mod konsistenti madwar l-Unjoni. Fl-istess waqt, dak li baqa' xi jsir fil-Pjan ta' **Azzjoni għas-Servizzi Finanzjarji** għandu jiġi indirizzat fis-snin li ġejjin. Tittieħed azzjoni biss jekk wara konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet interessati u evalwazzjoni ta' l-impatt, jidher ċar li din tirrendi valur miżjud.

Sabiex jinbena kunsens dwar id-**Direttiva tas-Servizzi** u sabiex tiġi żgurata diskussjoni bla skossi dwar din il-proposta importanti, il-Kummissjoni se taħdem b'mod kostruttiv mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill u dawk kollha kkonċernati fiż-żmien qabel l-adozzjoni ta' l-ewwel qari mill-Parlament. Se niffukaw b'mod partikolari fuq tħassib li ssemma' dwar oqsma bħalma huma t-tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-pajjiż ta' l-oriġini u l-impatt potenzjali fuq ċertu setturi.

Dwar id-**Direttiva REACH**, il-Kummissjoni tenfasizza l-ħtieġa li tittieħed deċiżjoni li tkun konsistenti ma' l-għanijiet ta' Liżbona dwar il-kompettitività ta' l-industriji Ewropej u l-inkoraġġament ta' l-innovazzjoni, u li għandha tikseb titjib notevoli fis-saħħa u l-ambjent għall-benefiċċju taċ-ċittadini Ewropej. Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni fuq ir-rieda tagħha li tikkoopera bis-sħiħ mal-Parlament u mal-Kunsill fit-tfittxija ta' soluzzjonijiet pragmatiċi għal kwistjonijiet ċentrali li feġġew fl-evalwazzjoni li saret ta' REACH sabiex jittejjeb il-mod kif jiġihaddem.

Sabiex tegħleb l-ostakli mqegħda mill-25 sett differenti ta' regoli li jikkmandaw kif jiġu ntaxxati l-kumpaniji meta joperaw f'diversi Stati Membri, il-Kummissjoni qed tagħmel hiliha ħalli tmexxi 'l quddiem il-ħidma biex tipprova tikseb ftehim dwar **bażi ta' taxxa korporattiva kkonsolidata u komuni** u dwar it-twettiq tagħha. Dan se jnaqqas ammont apprezzabbli ta' spejjeż għal dawk li jagħmlu l-kummerċ f'pajjiżi differenti, u fl-istess waqt iħallu lill-Istati Membri liberi li jistabbilixxu r-rata tat-taxxa korporattiva.

Il-**Brevett tal-Komunità** sar simbolu ta' l-impenn ta' l-Ewropa favur ekonomija bbażata fuq l-għarfien. Din tibqa' proposta importanti, u għandnanfittxu li nagħmlu progress malajr lejn soluzzjoni li tassew tista' titħaddem u li tappoġġa l-innovazzjoni.

### 3.2.2. Jìgu żgurati swieq miftuħa u kompetittivi ġewwa u barra l-Ewropa

*Il-kompetizzjoni  
hija ta'  
importanza  
fundamentali.*

Il-kompetizzjoni hija ta' importanza fundamentali għas-sħubija kollha għat-tkabbir ekonomiku u l-impjegi. **Il-politika dwar il-kompetizzjoni ta' l-UE kellha rwol ċentrali biex is-swieq kompetittivi Ewropej jingħataw surithom**, li taw kontribut biex tiżdied il-produttività. Dan se jkompli fl-Ewropa mkabbra b'mod partikolari permezz ta' l-infurzar proattiv u riforma ta' l-għajjnuna ta' l-istat fir-rigward ta' l-innovazzjoni, ir-riċerka u l-iżvilupp (R&D) u l-kapital tar-riskju. Il-Kummissjoni, għalhekk, se tkompli tfittex li twettaq il-politika tal-kompetizzjoni tagħha, u dan jista' jgħin biex jìgu identifikati ostakli regolatorji u mhumiex għall-kompetizzjoni. **Investigazzjonijiet f'oqsma ewlenin**, bħalma huma s-servizzi finanzjarji u l-enerġija, se jinbdew biex jistħarrġu r-raġunijiet għalfejn is-swieq ma jaħdmux għal kollox f'dawn l-oqsma.

*L-Istati Membri  
jridu jnaqqsu u  
jagħtu direzzjoni  
ġdida lill-  
għajjnuna ta' l-  
Istat.*

L-Istati Membri għandhom inaqqsu u jagħtu direzzjoni ġdida lill-Għajjnuniet ta' l-Istat biex jindirizzaw in-nuqqasijiet tas-swieq f'oqsma b'potenzjal għoli ta' tkabbir u jstimolaw ukoll l-innovazzjoni. Dawn l-inizjattivi għandhom jaffrontaw b'mod ċar il-ħtiġijiet u d-diffikultajiet ta' l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Il-Kummissjoni se tniedi riforma globali tar-regoli ta' l-għajjnuna ta' l-Istat matul din is-sena (ara taqsima 3.3.1).

*Il-kummerċ fl-UE  
jeħtieġ ukoll  
swieq dinjija  
miftuħa.*

Aktar ma jgħaddi ż-żmien, il-kumpaniji Ewropej qed iħabbtu wiċċhom ma' aktar sfidi internazzjonali, u l-politika tal-kummerċ ta' l-UE trid tiżgura li jkollhom aċċess għal swieq terzi u li fihom jikkompetu fuq bażi ġusta b'regoli ċari. Fil-qosor, swieq miftuħa, kemm fl-Ewropa kif ukoll fid-dinja, huma kruċjali biex joħolqu rati oġhla ta' tkabbir ekonomiku.

#### **IT-TKABBIR EKONOMIKU U L-IMPJEGI: ID-DIMENSJONI DINJIA**

L-ilħiq ta' ftehim ambizzjuż tal-fażi ta' Doha għalhekk, jibqa' l-għan fundamentali. Flimkien ma' dan, u komplementari miegħu, għandhom isiru atti ta' Ftehim ta' Kummerċ Ħieles reġjonali u bilaterali, fost l-oħrajn mal-Mercosur u mal-Kunsill ta' Kooperazzjoni fil-Golf.

Għandha tingħata spinta ġdida għall-konverġenza amministrattiva u regolatorja fuq il-livell internazzjonali, b'mod partikolari fir-relazzjonijiet kummerċjali trans-Atlantiċi. L-żgurar tal-konverġenza ta' l-istandards fuq il-livell internazzjonali, bl-aktar mod wiesgħa possibbli – kemm jekk dan huwa ma' l-imsieħba kummerċjali ewlenin tagħna bħalma huma l-Istati Uniti jew ma' swieq li qed jikbru fl-Ażja bħaċ-Ċina u l-Indja, jew ma' pajjiżi oħra fil-viċinat ta' l-UE – għandhom potenzjal għal tnaqqis apprezzabbli fl-ispejjeż u tkabbir tal-produttività. Il-Kummissjoni se ssegwi din l-aġenda attivament.

### 3.2.3. Titjib tar-regolamentazzjoni nazzjonali u Ewropea

*Qafas regolatorju tajjeb jgħin il-kummerċ u jibni l-kunfidenza fost il-konsumaturi.*

Il-qtugħ ta' spejjeż mhux meħtieġa, it-twarrib ta' l-ostakli għall-adattabilità u l-innovazzjoni u leġiżlazzjoni li ma toħloqx diffikultajiet lill-kompetizzjoni u lill-impjegi se jgħinu biex jinħolqu kundizzjonijiet li jwasslu aħjar għat-  
tkabbir ekonomiku u produttività mtejba. Dan jinkludi miżuri bħas-simplifikar, leġiżlazzjoni mfassla tajjeb u sforzi biex jitnaqqas il-piż ta' l-ispejjeż amministrattivi. Qafas regolatorju tajjeb se jsaħħaħ ukoll il-kunfidenza fost il-konsumaturi u jgħinhom jagħtu kontribut għat-  
tkabbir ekonomiku. Piżijiet regolatorji jaffetwaw b'mod sproporzjonat l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li normalment ikollhom riżorsi limitati biex ikampaw ma' l-amministrazzjoni li dawn ir-regoli ta' spiss jimponu.

*Irridu nneħħu piżijiet mhux meħtieġa*

Approċċ ġdid għar-regolamentazzjoni għandu jfittex li jneħħi l-piżijiet u jnaqqas il-burokrazija mhux meħtieġa, sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-politika. Regolamentazzjoni aħjar għandha tkun il-pedament għat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livelli kollha ta' l-Unjoni.

#### REGOLAMENTAZZJONI AĦJAR

Regolazzjoni aħjar għandha impatt pożittiv apprezzabbli fuq il-qafas ta' kundizzjonijiet għat-  
tkabbir ekonomiku, l-impjegi u l-produttività billi titjeb il-kwalità tal-leġiżlazzjoni, u b'hekk jinħolqu l-inċentivi l-meħtieġa għall-kummerċ, jinqatgħu l-ispejjeż bla bżonn u jitwarrbu l-ostakli għall-adattabilità u l-innovazzjoni.

**L-Istati Membri** għandhom jieħdu wkoll l-inizjattivi tagħhom għal regolamentazzjoni aħjar, l-aktar f'oqsma fejn it-  
tkabbir tal-produttività ta' l-Ewropa jidher b'mod ċar li baqa' lura, bħalma hu l-qasam tas-servizzi.

**Il-Kummissjoni** se tkompli tfittex b'ambizzjoni li tilħaq dan l-għan u sejra tnedi inizjattiva ġdida kbira qabel il-Kunsill tar-Rebbiegħa, li tkun tinkludi:

- Evalwazzjoni aħjar ta' l-effetti ta' proposti għal-leġiżlazzjoni jew ta' miżuri ġodda dwar il-kompetittività, anke permezz ta' l-istrument tagħha għall-Evalwazzjoni ta' l-Impatt.
- Il-ġbir ta' għarfien espert minn barra għal pariri dwar il-kwalità tal-metodoloġija tat-twettiq ta' l-evalwazzjonijiet ta' l-impatt.
- Il-piż kumulattiv tar-regolazzjoni, l-aċċess diffiċli għas-swieq u l-pressjoni insuffiċjenti għall-kompetizzjoni tista' żżomm lura l-innovazzjoni f'oqsma li għandhom potenzjal kbir għat-  
tkabbir. Il-Kummissjoni, għalhekk, se tnedi serje ta' reviżjonijiet settorjali sabiex tidentifika l-ostakli li qed iżommu lura t-  
tkabbir u l-innovazzjoni f'setturi ewlenin. Attenzjoni speċjali se tingħata lill-piżijiet li jaqgħu fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju.

### 3.2.4. L-infrastruttura Ewropea għandha tinfirex u tittejjeb

*Infrastruttura moderna tgħin fil-kummerç u fil-mobilità.*

Jeħtieġ li s-Suq Waħdieni jingħata **infrastruttura moderna** biex il-kummerç u l-mobilità jitħaffu. Sa lllum f'dan il-qasam il-progress kien batut u diżappuntanti, u wasal iż-żmien li nħarsu lejn din il-problema. **Infrastruttura moderna hija fattur importanti ta' kompetittività f'ħafna deċiżjonijiet ta' l-intrapriżi**, u dan jaffettwa kemm post partikolari jkun attraenti soċjalment u ekonomikament. Tagħti garanzija għall-mobilità tal-persuni, tal-merkanzija u tas-servizzi fi ħdan l-Unjoni. Barra minn hekk, l-investment li jsir, speċjalment fl-Istati Membri l-ġodda, jgħin it-tkabbir ekonomiku u jwassal biex ikun hemm konverġenza akbar f'sens ekonomiku, soċjali u ambjentali. Meta wieħed iqis li l-effetti li ggħib magħha l-infrastruttura jibqgħu jinħassu għal żmien twil, id-deċiżjonijiet għandhom jagħtu kontribut siewi lejn is-sostenibbiltà. Bl-istess mod, dan l-għan ikun jista' jintlaħaq aħjar ukoll meta l-prezzijiet għall-użu ta' din l-infrastruttura jkunu ġusti u effiċjenti.

*Il-ftuħ tas-settur ta' l-enerġija u ta' setturi oħra ta' netwerk għandu jittwettaq għal kollox*

Fl-aħħarnett irridu niżguraw li l-ftuħ għall-kompetizzjoni, li fuqu kulħadd jaqbel, ta' setturi bħal ma huma dawk ta' l-enerġija u industriji ta' netwerk oħrajn issa tiġi mwettqa fil-konkret. Dawn il-miżuri huma mezz importanti biex ikun hemm l-aħjar użu ta' l-infrastruttura fiżika, b'mod li sew il-konsumaturi kif ukoll l-industrija, ikunu fejn ikunu, igawdu l-benefiċċji li jiġu minn prezzijiet orħos, għażla akbar u garanzija ta' servizzi ta' kwalità għolja u ta' interess ġenerali għaċ-ċittadini kollha

#### L-INFRASTRUTTURI EWROPEJ

Biex jinkisbu l-benefiċċji li jistgħu jaslu bis-saħħa ta' l-istrateġija rrinforzata ta' Liżbona, jinħtieġ l-ewwel u qabel kollox li jkun hemm infrastruttura moderna tat-trasport u l-enerġija mal-firxa kollha tat-territorju ta' l-Unjoni Ewropea. L-istati membri għandhom iwettqu l-impenn li ħadu u jibdedw jaħdmu fuq **l-45 proġett bejn it-territorji ta' pajjiżi differenti "quick start"**, maħsuba biex itejbu l-infrastruttura tat-trasport u l-enerġija. Il-koordinazzjoni fuq bażi Ewropea, proġett bi proġett, irid ikollha magħha impenn ċar mill-Istati Membri kkonċernati sabiex jitnieda proċess ta' ppjanar u ffinanzjar. Fil-programmi nazzjonali tagħhom ta' azzjoni, l-Istati Membri għandhom jagħtu rendikont ta' dak li jkun qed isir.

### 3.3. L-għarfien u l-innovazzjoni għat-tkabbir ekonomiku

*L-għarfien imexxi t-tkabbir fil-produttività.*

F'ekonomiji avvanzati, bħal ma hi dik ta' l-UE, l-għarfien, jiġifieri l-R&D, l-innovazzjoni u l-edukazzjoni, huwa fattur ċentrali li jmexxi 'l quddiem it-tkabbir ekonomiku. L-għarfien huwa fattur kritiku biex l-Ewropa tkun tista' tibqa' kompetittiva f'dinja globalizzata fejn pajjiżi oħra qed jikkompetu b'pigi baxxi jew riżorsi primarji irħas.

### 3.3.1. Żieda u titjib fl-investimet fir-Riċerka u l-Iżvilupp

*Jeħtiġilna  
nagħlqu d-distakk  
ta' l-UE fl-R&D*

Madankollu, l-UE għadha tinvesti madwar terz anqas minn dak li tinvesti l-Istati Uniti fl-R&D. 80% tad-differenza ġejja minn nuqqas ta' investment mis-settur privat fir-riċerka u l-iżvilupp, speċjalment fl-ICT. L-UE bħalissa tonfoq biss 2% tal-PGD, kemm kemm aktar minn kemm kienet tonfoq fiż-żmien meta tnediet l-istrateġija ta' Liżbona. Jeħtieġ li jsir aktar biex jintlaħaq l-għan li **n-nefqa fuq l-R&D** tilħaq il-livell ippjanat ta' 3% tal-PGD. Biex dan isir, tinħtieġ nefqa pubblika akbar u aktar effiċjenti, qafas ta' kundizzjonijiet aktar favorevoli, inċentivi qawwija biex kumpaniji privati jidħlu għall-innovazzjoni u l-R&D, kif ukoll għadd akbar ta' riċerkaturi li jkunu mħarrġa aħjar u aktar immotivati.

#### **L-ILĦIQ TAL-MIRA TA' NEFQA TA' 3% FUQ L-R&D**

Huma l-Istati Membri li l-aktar li jistgħu jirsistu biex tintlaħaq il-mira stabbilita f'Liżbona għal nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp (3% tal-PGD sa l-2010). Fil-programmi nazzjonali ta' Liżbona tagħhom, l-Istati Membri jridu juru ċar x'passi qed jieħdu biex joqorbu lejn it-twettiq ta' dawn l-għanijiet. Hija ħaġa kruċjali li jitħajjar aktar investment kummerċjali, u l-Istati Membri għandhom jisfruttaw il-possibilitajiet kollha offruti mill-qafas il-ġdid dwar l-għajnuniet statali.

Fattur ewlieni għandu wkoll ikun l-ikkoordinar ta' ħidma Ewropea biex **jitjeb il-qafas ta' tassazzjoni għall-R&D**. Dan huwa fattur li kull ma jmur aktar qed isir importanti, biex isettur kummerċjali jitħeġġeġ jonfoq aktar għar-riċerka u l-iżvilupp f'pajjiżi oħra. Dan ikun importanti b'mod partikolari għat-tkabbir ta' l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju li jaħdmu fil-qasam tat-teknoloġija avvanzata fl-Unjoni kollha kemm hi.

Fuq il-livell ta' l-Unjoni, **is-seba' programm ta' qafas għar-riċerka** se jkollu l-għan li jqawwi bis-sħiħ il-kompetittività ta' l-industriji tagħna f'oqsma teknoloġiċi ewlenin, billi l-isforzi li jsiru madwar l-Unjoni kollha jissaħħu u jinqasmu bejn kulħadd, kif ukoll biex iġi amplifikat l-investment mis-settur privat. Il-programm ta' qafas se jiffoka fuq l-eċċellenza tal-bażi tar-riċerka, bis-saħħa ta' **Kunsill Ewropew għar-Riċerka** li għad irid jiġi stabbilit, magħmul minn xjenzati indipendenti ta' klassi internazzjonali, li jagħżlu l-proġetti u l-programmi tar-riċerka skond kemm dawn jilħqu livelli xjentifiċi ta' eċċellenza.

## REVIŻJONI TAL-QAFAS DWAR L-GHAJNUNIJET STATALI GĦALL-R&D U L-INNOVAZZJONI

Fil-kuntest ta' riforma sħiħa fir-regolamenti dwar l-għajnuniet statali, **ir-reviżjoni tal-Qafas ta' ILLUM DWAR L-GHAJNUNIJET STATALI GĦALL-R&D** se ssir qabel ma kien maħsub, biex jitħaffef sew l-aċċess għall-iffinanzjar u għall-kapital ta' riskju, kif ukoll l-iffinanzjar pubbliku ta' l-R&D u l-innovazzjoni. Qabel is-Sajf ta' l-2005, il-Kummissjoni se toħroġ komunikazzjoni fuq il-futur tal-politika dwar l-għajnuniet statali. Jeħtieġ li jitħaffef il-mod kif ir-riċerka u l-innovazzjoni, speċjalment dawk li jsiru minn kumpaniji ġodda u innovattivi, jirċievu l-għajnuna finanzjarja. Illum, wieħed mill-akbar ostakli għall-innovazzjoni huwa l-aċċess limitat għall-iffinanzjar. Il-pubbliku x'aktarx li jagħti l-appoġġ tiegħu meta jara ċar x'benefiċċji ġenerali hemm għas-soċjetà, fil-waqt li jiħi żgurat li l-ambjent kompetittiv jibqa' bla mittiefes.

### 3.3.2. *L-iffaċilitar ta' l-innovazzjoni, l-użu ta' l-ICT u l-utilizzazzjoni sostenibbli tar-riżorsi.*

*L-universitajiet għandhom rwol kruċjali biex joħolqu u jifirxu l-għarfien.*

**Il-kontribut ta' l-universitajiet biex l-għarfien jinħoloq u jinfirex ma' l-Unjoni kollha kemm hi jrid jissaħħa.** Il-Kummissjoni se toħroġ b'ideat dwar kif dawn jista' jżdidulhom il-potenzjal u l-kwalità tagħhom fir-riċerka u fix-xjenza sabiex isiru aktar attraenti u biex ikollhom rabtiet aħjar ma' l-industrija. Il-Kummissjoni se tipproponi wkoll linji ta' gwida biex titjeb il-kollaborazzjoni bejniethom fir-riċerka, u biex jitjeb il-mod kif it-teknoloġija tgħaddi għand l-industrija. Se tidħol ukoll fil-kwistjoni dwar kif l-universitajiet Ewropej jistgħu jikkompetu fuq bażi internazzjonali. Minn ħafna lati, qiegħed isir evidenti li l-mod kif l-universitajiet iħarsu lejn l-iffinanzjar, it-tmexxija u l-kwalità mhux tajjeb biżżejjed biex jintlaqgħu l-isfidi ta' dak li issa sar suq globali, sew għall-akkademiċi kif ukoll għall-istudenti, barra milli għall-għarfien innifsu.

*L-investiment ta' l-UE għandu jkollu rwol ukoll*

Biex jinkisbu sinerġiji akbar bejn l-iffinanzjar għar-riċerka, għall-istrutturi u għall-koeżjoni, jeħtieġ li ninvestu aktar f'faċilitajiet għar-riċerka u l-innovazzjoni, biex aktar reġjuni jkunu jistgħu jieħdu sehem f'attivitajiet ta' riċerka fuq livell Ewropew.

## POLI TA' INNOVAZZJONI

Sew fuq livell reġjonali kif ukoll fuq livell lokali, jinħtieġ li jsir sforz akbar biex jitwaqqfu poli ta' innovazzjoni, u **b'hekk jitqarrbu l-intrapriżi żgħar u medji li jaħdmu b'teknoloġija avvanzata, l-universitajiet, u l-appoġġ kummerċjali u finanzjarju meħtieġ.** L-Istati Membri għandhom jisfruttaw kemm jifilħu l-opportunitajiet li joffru l-fondi reġjonali u soċjali ta' l-UE għas-sostenn ta' strateġiji reġjonali għall-innovazzjoni. Dan hu kruċjali biex ikunu jistgħu jintużaw iċ-"ċentri ta' eċċellenza" ġodda miġjuba 'l quddiem fil-programm tagħna ta' riċerka, biex b'hekk l-ideat ma jibqgħux fil-laboratorju iżda jibdeu jintużaw fl-industrija. Dan jitħaffef billi tissaħħaħ il-konnessjoni bejn il-fondi reġjonali, il-programm ta' qafas għar-riċerka, u l-Programm il-ġdid dwar il-Kompetittività u l-Innovazzjoni.

Il-programmi nazzjonali ta' Liżbona għandhom jagħtu r-rotta sabiex jiġu stabbiliti ċentri ġodda u jiġu żviluppanti dawk eżistenti.

Il-kisba ta' l-għarfien dejjem kienet fil-qalba ta' l-avventura Ewropea. Għenitna nfasslu l-identità u l-valuri tagħna, u tmexxina 'l quddiem biex għall-ġejjieni nibqgħu kompetittivi. Biex insaħħu l-impenn tagħna favur l-għarfien bħala ċ-ċavetta għat-tkabbir, il-Kummissjoni qed tipproponi il-ħolqien ta' "**Istitut Ewropew tat-Teknoloġija**" biex iservi bħala ċentru ta' attrazzjoni għall-aħjar imħuħ, l-aħjar ideat u l-aħjar kumpaniji minn madwar id-dinja kollha. Il-Kummissjoni se tfitte, flimkien ma' l-Istati Membri, kif ukoll ma' dawk kollha kkonċernati, sew mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privati, biex tara kif l-aħjar iġġib 'il quddiem din l-idea.

*L-investment fit-teknoloġiji l-ġodda ...*

Il-politika dwar il-kompetizzjoni u dik dwar it-tassazzjoni għandhom effett qawwi fuq l-innovazzjoni. Il-ħeffa li biha jibdeu jintużaw teknoloġiji ġodda ukoll għandha effett qawwi, speċjalment f'kuntest fejn it-teknoloġija tinbidel malajr.

*...huwa kruċjali biex tiżdied il-produttività, waqt li...*

B'mod aktar ġenerali, ir-riżultati tagħna fl-innovazzjoni jiddependu b'mod kruċjali fuq it-tiżiħ ta' **l-investment fit-teknoloġiji l-ġodda u l-użu li nagħmlu minnhom, speċjalment l-ICTs**, sew fis-settur privat kif ukoll f'dak pubbliku. It-teknoloġiji ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni huma l-qafas ta' ekonomija msejsa fuq l-għarfien. Madwar nofs iż-żieda fil-produttività fl-ekonomiji moderni gejjja minnhom. Madankollu, l-investment f'din it-teknoloġija fl-Ewropa qed ikun anqas minn dak fl-Istati Uniti, u qed isir ukoll aktar tard, speċjalment fis-setturi tas-servizzi bħal ma huma t-trasport, il-bejgħ bl-imnut u s-servizzi finanzjari.

*i2010: Soċjetà Ewropea ta' l-Informatika tista' tkabbar l-użu ta' l-ICT*

Fil-waqt li r-responsabbiltà ewlenija tibqa' dik ta' l-amministrazzjonijiet kummerċjali u pubbliċi, l-Ewropa qed tkun ta' għajjnuna. Inizjattiva ġdida – **i2010: is-Soċjetà Informatika Ewropea** se tgħin biex tifrex u tkabbar l-użu ta' l-ICTs, biex b'hekk titkompla l-aġenda eEwropa, li ħeġġet l-istrateġija ta' Liżbona. Dan isir billi jiddakkar ambjent ċar, stabbli u kompetittiv għall-komunikazzjoni elettronika u s-servizzi diġitali, aktar riċerka u innovazzjoni fl-ICTs, u Soċjetà ta' l-Informatika orjentata lejn l-inklużjoni u l-kwalità tal-



ħajja.

*Irridu wkoll  
nilqgħu l-isfidi tar-  
riżorsi u ta' l-  
ambjent*

Suċċess deġġiem għall-Unjoni jiddependi fuq kemm ikunu jistgħu jintlaqgħu għadd ta' **sfidi ambjentali u ta' riżorsi** għax jekk dawn jitħallew għal riħhom, jiġri li ma jkunx jista' jsir tkabbir fil-futur. Dan il-ħsieb jinsab fil-qalba ta' l-iżvilupp sostenibbli. B'kuntrast ma' l-Ewropa, f'ħafna nħawi tad-dinja hemm rati għolja ta' tkabbir ekonomiku, flimkien ma' żieda qawwija fil-popolazzjoni. L-Ewropa trid tilqa' għal din l-isfida u tkun minn ta' quddiem fil-mixja lejn mudelli aktar sostenibbli ta' produzzjoni u konsum.

*...iċ-ċavetta tinsab  
fl-Eko-  
innovazzjoni*

Aktar minn hekk, it-tkabbir ekonomiku jista' jsir tassew aktar sostenibbli f'sens ambjentali jekk bis-saħħa ta' tkabbir innovattiv, tinkiseb aktar produzzjoni mill-istess tidħil ta' riżorsi. Huwa għalhekk li jinħtieġ li jingħata appoġġ qawwi lill-eko-innovazzjoni, speċjalment fit-trasport u l-enerġija.

### **L-EKO-INNOVAZZJONI**

Il-Kummissjoni se tmexxi 'l quddiem it-teknoloġiji ambjentali. Se tieħu wkoll dawk il-passi meħtieġa biex tmexxi 'l quddiem l-iżvilupp ta' metodi u teknoloġiji biex l-UE tagħmel it-tibdiliet strutturali meħtieġa sabiex ikun hawn is-sostenibbiltà fuq medda twila ta' żmien, pereżempju f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-użu sostenibbli tar-riżorsi, it-tibdil fil-klima u l-użu effiċjenti ta' l-enerġija. Dawn huma meħtieġa sew biex jintużaw fi ħdan l-UE kif ukoll biex jilqgħu għad-domanda fi swieq li qed jespandu madwar id-dinja kollha. Hemm potenzjal apprezzabbli għal sinerġiji ekonomiċi, ambjentali u ta' l-impjiegi li jiġu minn teknoloġija ambjentali u mill-użu effiċjenti ta' l-enerġija.

Dawn jiġu mwieżna bi sforzi akbar għat-tixrid tar-riċerka u t-teknoloġija, fosthom billi jinkiseb iffinanzjar privat mill-Bank ta' l-Investment Ewropew, biex jitmexxa 'l quddiem l-iżvilupp u t-tixrid ta' teknoloġija li tuża anqas karburi

### 3.3.3. Kontribut lejn bażi industrijali Ewropea qawwija

*Bażi industrijali qawwija tgħinna nżommu postna fuq quddiem nett fix-xjenza u t-teknoloġija*

Li nimxu 'l quddiemnett fid-dinja fil-qasam ta' l-R&D u l-innovazzjoni, ikun ifisser li niksbu vantaġġ ta' ħeffa li nibqgħu ngawduh għal żmien twil. L-esperjenza li ksibna bit-tħaddim ta' teknoloġija innovattiva bħal ma kienet dik tal-GSM, fissanet li l-Ewropa setgħet tistabilixxi standards internazzjonali. Biex iżżomm ruħha fuq quddiem fl-ekonomija u fit-teknoloġija, u biex tkompli tkabbar il-vantaġġ tagħha, l-Ewropa jrid ikollha **kapaċità industrijali qawwija, billi tisfrutta kemm tiflaħ il-potenzjal teknoloġiku li għandha**. Hemm bżonn li jkollna metodu integrat u li jħares bil-quddiem lejn il-problemi, ibbażat fuq żvilupp tas-settur industrijali skond il-ħtiġijiet tas-suq. Is-sinerġiji li jiġu meta nilqgħu l-isfidi tar-riċerka, tar-regolamentazzjoni u ta' l-iffinanzjar fuq livell Ewropew – f'dawk il-każi fejn, minħabba raġunijiet ta' daqs jew skop, l-Istati Membri individwali ma jistgħux ikollhom suċċess waħedhom – mhux dejjem ġew sfruttati kemm imiss.

*Il-proġett Galileo u l-ajrunawtika huma eżempji fejn it-tiżib bejn is-settur pubbliku u dak privat kisbu riżultat.*

Il-proġett Galileo u l-ajrunawtika huma eżempji qawwija tat-tlaqqiġ flimkien b'suċċess tal-livelli eċċellenti li jintlaħqu fl-Ewropa. Fiż-żewġ każijiet l-ekonomija Ewropea kisbet benefiċċji apprezzabbli. Dawn il-metodi li bihom it-tiżib bejn is-settur pubbliku u dak privat jingħata spinta 'l quddiem għandhom jiġu żviluppati f'dawk il-każijiet fejn is-soċjetà ġenerali tikseb vantaġġi akbar milli jikseb is-settur privat: pereżempju, fil-ksib ta' l-enerġija mill-idroġenu. It-tnedija mill-ġdid ta' l-istrateġija ta' Liżbona għandha toħloq il-kundizzjonijiet meħtieġa biex dan il-potenzjal jintuża', u biex jitħaffef it-tibdil strutturali meħtieġ, fil-waqt li ssir ħidma esterna biex jinkisbu swieq miftuħa.

## INIZJATTIVI EWROPEJ FIT-TEKNOLOĠIJA

Il-kompetittività industrijali tista' tiġi appoġġata bit-twaqqif ta' inizjattivi kbar Ewropej fil-qasam tat-teknoloġija permezz ta' l-immobilitar ta' fondi mill-Unjoni, mill-Istati Membri u mill-industrija. Il-programm ta' qafas għar-riċerka li jmiss jista' jmexxi dan il-proċess, u jagħtih biżżejjed prijorità. L-għan huwa li jiġu indirizzati l-fallimenti fis-suq u jitmexxew 'il quddiem l-iżviluppi ta' prodotti jew servizzi fuq il-bażi ta' dawk it-teknoloġiji li mhux biss huma fundamentali għall-mudell ta' l-iżvilupp sostenibbli ta' l-Ewropa, imma li wkoll jagħtu sehmhom għall-kompetittività industrijali. L-iskala tagħhom jistħoqqilha finanzjament miżjud mill-UE, u din ta' l-aħħar timmobilizza aktar ifffinanzjar nazzjonali u privat. It-tmexxija tiegħu issir **bi sħab bejn is-settur pubbliku u dak privat**.

Eżempji importanti jirrigwardaw teknoloġiji li ma jgħarrqux l-ambjent, bħat-teknoloġija ta' l-idroġenu u dik ta' l-enerġija tax-xemx. Għal dawn il-proġetti, punt tajjeb ta' riferiment huwa l-proġett Galileo, li se johlq suq importanti u għadd kbir ta' impjiegi. Li tizzied il-kapaċità ta' l-UE sabiex tittrasforma t-teknoloġija fi prodotti konkreti, swieq u impjiegi huwa ta' importanza ewlenija għas-suċċess ta' Liżbona.

Il-Kummissjoni se tidentifika l-kriterji, it-temi u l-proġetti f'kooperazzjoni mill-qrib ma' dawk kollha li huma l-aktar involuti (l-Istati Membri, il-komunità tar-riċerka, l-industrija, u s-soċjetà ċivili) u tirrapporta lill-Kunsill Ewropew f'Ġunju. Dan il-proċess, u warajh il-fażijiet tat-tħejjija u l-ifffinanzjar, se jseħħu fi ħdan il-proċess ta' preparazzjoni u adożżjoni tal-Programm ta' Qafas.

### 3.4. It-tkattir u t-titjib ta' l-Impjiegi

*L-Ewropa teħtieġ li jtkatru u jittejbu l-impjiegi...*

L-iżgurar tal-prosperità u t-tnaqqis tar-riskji ta' l-esklużjoni soċjali jeħtieġu li jsir sforz akbar biex in-nies jingħataw ix-xogħol u biex jibqgħu fix-xogħol jew fl-edukazzjoni matul haġġithom.

*...iżda r-realtà demografika qed tkompli żżid il-pressjoni fuq ir-riżultati tagħna fl-impjiegi.*

F'kuntest ta' bidla ekonomika mgħaġġla u żieda qawwija fid-demografija tax-xjuħija, it-tkattir u t-titjib ta' l-impjiegi mhumiex biss ambizzjonijiet politiċi: huma bżonnijiet ekonomiċi u soċjali. Matul il-50 sena li ġejjin, l-Ewropa sejra taffronta transizzjoni demografika li qatt ma rajna bħalha. Bi tkomplija tax-xejriet demografiċi tal-preżent, l-għadd totali ta' dawk li jaħdmu se jonqos. Minbarra l-bidla soċjali apprezzabbli li se ġġib magħha din it-transizzjoni, se tagħmel pressjoni qawwija fuq is-sistemi tagħna tal-pensjonijiet u tas-sigurtà soċjali u, jekk ma titrażżanx, tnaqqas ir-rati ta' tkabbir potenzjali tagħna għal-livell miżeru ta' 1% fis-sena. Barra minn hekk, il-popolazzjoni ta' xi wħud mill-Istati Membri tagħna tista' tiċkien drastikament. Il-Kummissjoni se tadotta *green paper* biex tnedi dibattitu dwar din l-isfida demografika, sabiex tidentifika dawk il-miżuri publiċi li

jistgħu jiġu introdotti biex jaffrontawha.

Fl-aħħarnett, il-Kummissjoni se tipproponi **r-reviżjoni ta' l-Istrateġija Ewropea għall-Impjiegi fl-2005** bħala parti integrali ta' l-Istrateġija l-ġdida ta' Liżbona, imsejsa fuq il-Pjan ta' Azzjoni ta' Liżbona.

*3.4.1. It-tressiq ta' aktar nies lejn l-impjiegi u l-immodernizzar tas-sistemi ta' ħarsien soċjali.*

*Jeħtiġilna  
nressqu iktar  
nies lejn il-forza  
tax-xogħol...*

Filwaqt li jeħtiġilna naffrontaw il-fenomeni ta' rati baxxi ta' twelid fl-Ewropa bħala parti minn politika li tħares fit-tul, **it-tkattir ta' l-impjiegi huwa l-iktar mezz effettiv għat-tkabbir ekonomiku u l-promozzjoni ta' ekonomiji li jkunu aktar inklużivi mil-lat soċjali**. L-isfida tikkonsisti f'li jittressqu aktar nies lejn is-suq tax-xogħol u li dawn jibqgħu fih, permezz ta' politika attiva rigward l-impjiegi u l-ġhotti ta' l-inċentivi meħtieġa. Li n-nies li jkunu waqgħu fil-qgħad jew fl-inattività jerġgħu jidħlu fl-impjiegi, u l-ġhotti ta' inċentivi sabiex in-nies tibqa' aktar fit-tul fil-forza tax-xogħol, it-tnejn jirrikjedu l-immodernizzar tas-sistemi tal-ħarsien soċjali. Il-potenzjal enormi tan-nisa fis-suq tax-xogħol għadu ma ġiex sfruttat għal kollox. L-imsieħba soċjali għandhom jieħdu l-impenn biex tkompli titwarrab id-differenza bejn il-qligħ ta' l-irġiel u n-nisa.

*...u nfasslu l-  
miżuri adatti  
għall-ħaddiema  
sew żgħażagħ u  
mhumiex*

Jeħtieġ ukoll li tittieħed azzjoni għaż-**żgħażagħ**, settur li fih l-Ewropa għadha qed taffronta qgħad strutturali għoli u rati għoljin ta' tluq bikri mill-edukazzjoni, kif ukoll għall-ħaddiema aktar imdaħħlin fiż-żmien li se jibdedw jitolqu mis-suq tax-xogħol f'numri kbar ħafna hekk kif jilħqu l-età ta' 55 sena. Barra minn hekk, ħafna nies isibuha diffiċli li jgħaqqdu l-ħajja tax-xogħol ma' dik tal-familja. Il-provvista ta' servizzi għall-kura tat-tfal li jkunu sew aħjar kif ukoll aktar għal but kulħadd, b'mod partikolari, jistgħu jgħinu ħafna. Il-migrazzjoni legali wkoll għandha rwol ewlieni, sabiex jiġu evitati sew in-nuqqas ta' ħiliet speċifiċi kif ukoll it-tlaqqiġ ħażin tat-talba u l-offerta f'setturi importanti tas-suq tax-xogħol.

## INIZJATTIVA EWROPEA GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Fl-ittra tagħhom tad-29 ta' Ottubru 2004, il-mexxejja ta' Franza, il-Ġermanja, Spanja u l-Iżvezja ressqu proposta għal Patt Ewropew għaż-Żgħażagħ, li jikkonċentra fuq it-tnaqqis tal-qgħad fost iż-żgħażagħ u t-tħaffif tad-dħul tagħhom fis-suq tax-xogħol. Is-sejbien ta' mezzi biex ikomplu jingħaqdu aħjar il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja huwa element ċentrali fl-inizjattiva.

L-Oqsma ta' Politika li huma ppreżentati f'din il-Komunikazzjoni fihom għadd ta' miżuri li huma tal-qofol fl-isforz biex jinħeles il-potenzjal taż-żgħażagħ. Se jkunu elementi importanti fl-Istrateġija riveduta Ewropea għall-Impjiegi u għandhom jiġu appoġġati permezz ta' ffinanzjar mill-UE, b'mod speċjali permezz tal-Fond Soċjali Ewropew. Meta jitqiesu flimkien, dawn il-miżuri tassew jikkostitwixxu Inizjattiva Ewropea għaż-Żgħażagħ:

- Il-qasam ta' miżuri "It-tressiq ta' aktar nies lejn l-impjiegi u l-immodernizzar tas-sistemi ta' ħarsien soċjali" jipproponi miżuri maħsuba sabiex **jitnaqqas il-qgħad fost iż-żgħażagħ** bħal titjib fit-taħriġ okkupazzjonali u l-iżvilupp ta' sistemi ta' apprendistat, flimkien ma' miżuri biex jiġi żgurat li ż-żgħażagħ qiegħda jingħataw attenzjoni partikolari fil-politika attiva tas-suq tax-xogħol. Ukoll taħt dan il-kap, il-ħidma biex jittejbu s-servizzi għall-kura tat-tfal, tax-xjuħ u tal-persuni b'diżabilità, kif ukoll l-estensjoni għall-missirijiet tal-lif tal-ġenituri, se jwassal biex il-ħajja tax-xogħol u dik tal-familja jingħaqdu b'mod iktar armonjuż.
- Fil-qasam ta' politika "Żieda fl-investment fil-kapital uman permezz ta' edukazzjoni u ħiliet aħjar", bosta miżuri jindirizzaw speċifikament il-ġenerazzjoni żagħżugħa u jimmiraw lejn li **dan il-grupp jingħata l-kapital uman u l-ħiliet meħtieġa** f'ekonomija dinamika msejsa fuq l-għarfien. Eżempji ta' miżuri bħal dawn huma ż-żieda u t-titjib fl-effettività ta' l-investimenti fl-edukazzjoni, it-tnaqqis fil-għadd ta' dawk li jtilqu bikri mill-iskola u ta' dawk b'ilħiq baxx ta' kwalifikazzjonijiet, u aktar parteċipazzjoni fl-istudju tal-matematika, ix-xjenza, it-teknoloġija u l-inġinjerija.
- Il-miżuri taħt il-kap "Żieda u Titjib fl-investment fir-Riċerka u l-Iżvilupp" – frabta mal-kapaċità li jitkattar l-ammont ta' kapital uman fl-ekonomija – ukoll se jgħinu lill-ġenerazzjonijiet iż-żgħar billi **jiftħu prospetti ġodda ta' karrieri**.

L-  
immodernizzar  
tas-sistemi ta'  
ħarsien soċjali  
wkoll huwa  
importanti.

L-Istati Membri għandhom jimmodernizzaw **is-sistemi ta' ħarsien soċjali** (l-aktar is-sistemi tal-pensjonijiet u tal-kura tas-saħħa) u jsaħħu l-politika ta' l-impjiegi tagħhom. Il-politika ta' l-impjiegi ta' l-Istati Membri għandha tfittex li tressaq aktar nies lejn l-impjiegi (b'mod partikolari permezz ta' ' riformi tal-benefiċċji u tat-taxxi biex jitwarrbu n-nasbiet li jżommu n-nies fil-qgħad u fi dħul baxx, użu mtejjeb ta' miżuri attivi fis-suq tax-xogħol, u strateġiji biex titwal il-ħajja tax-xogħol), ittejjeb il-kapaċità li jadattaw irwieħhom sew il-ħaddiema kif ukoll l-intrapriżi b'mod speċjali permezz ta' żviluppi fil-pagi pass pass mat-tkabbir fil-produttività u investment miżjud fil-kapital uman. Fattur kruċjali fl-ilħiq ta' din il-mira jkun li f'ħajjet in-nies jiżdiedu s-snin li matulhom ikunu ħielsa minn problemi tas-saħħa.

L-Istati Membri  
għandhom  
jiddefinixxu l-  
miri għall-  
impjiegi...

Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li **l-Istati Membri jiddefinixxu miri għall-impjiegi għall-2008 u l-2010** fil-Programmi ta' Liżbona Nazzjonali tagħhom, u li jippjanaw dwar il-miżuri se jużaw biex jilhqqu dawn il-miri. Il-linji ta' gwida għall-impjiegi se jkun ta' għajnuna għall-Istati Membri sabiex jagħżlu l-iktar strumenti effettivi u l-Kummissjoni, fuq din il-bażi, se tevalwa l-progress li jkun sar fir-Rapport Strateġiku Annwali tagħha.

Inizjattivi volontarji mis-settur privat, fis-sura ta' prattiċi ta' responsabbiltà soċjali ta' l-intrapriżi (CSR), jistgħu jkollhom rwol ewlieni fil-bini ta' żvilupp sostenibbli filwaqt li jtejbu l-potenzjal innovattiv u l-kompetittività ta' l-Ewropa.

...u għandna  
bżonn l-appoġġ  
ta' l-imsieħba  
soċjali.

Fl-aħħarnett, **l-imsieħba soċjali** qed jintalbu biex iġibu 'l quddiem l-integrazzjoni ta' dawk esklużi mis-suq tax-xogħol, fosthom iż-żgħażaġh. Dan mhux biss ikun kontribut għall-għieda kontra l-faqar, imma jiżgura wkoll li aktar nies ikunu qed jaħdmu.

#### 3.4.2. *Titjib fl-adattabilità tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi u fil-flessibilità tas-swieq tax-xogħol*

Livell għoli  
ta' adattabilità  
jqawwi r-  
riżultati  
milħuqa u jgħin  
aktar nies  
sabiex isibu l-  
impjiegi.

F'ekonomiji li jkun qed jinbidlu bil-ħeffa, **huwa vitali li jkun hemm livell għoli ta' adattabilità sabiex jinġieb 'il quddiem it-tkabbir tal-produttività u jitħaffef il-ħolqien ta' l-impjiegi f'setturi li jkun qed jikbru malajr**. Kull ma jmur, intrapriżi ġodda u SMEs aktar qed isiru sorsi ta' ħolqien ta' l-impjiegi u tat-tkabbir ekonomiku fl-Ewropa. Flessibilità akbar flimkien mas-sigurtà se tkun tinħtieġ kapaċità akbar min-naħa tal-ħaddiema u ta' l-intrapriżi biex jantiċipaw, iniedu, u jassorbu l-bidliet. Adattabilità akbar għandha tagħti kontribut ukoll sabiex tiżgura li żviluppi fl-infiq fuq il-pagi ma jisbqux it-tkabbir fil-produttività matul iċ-ċiklu, u jibqgħu jirriflettu tassew il-qagħda tas-suq tax-xogħol. Minħabba d-differenzi li jeżistu bejn l-istituzzjonijiet fis-swieq tax-xogħol varji u fil-funzjonament ta' dawn ta' l-aħħar, huwa evidenti li politika waħdanija li tkun tgħodd għal kulħadd ma tkunx effettiva, anzi potenzjalment tkun kontroproduċenti. L-Istati Membri għaldaqstant iridu jiżviluppaw l-aħjar taħlita ta' miżuri.

*Irridu nwarrbu kull ostaklu għall-mobilità.*

Sabiex naffrontaw problemi speċifiċi, il-Kummissjoni se tressaq proposti sabiex **jiġu mwarrba l-ostakli għall-mobilità tax-xogħol** li joħorġu minn skemi okkupazzjonali ta' pensjoni u sejra taħdem fuq l-ikkoordinar ta' politika tad-dħul għall-migranti ekonomiċi. Ukoll ta' importanza fundamentali huma l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni proposta biex iġġib 'il quddiem il-mobilità fil-professjonijiet, l-adozzjoni ta' Qafas Ewropew tal-Kwalifiki fl-2006 u l-promozzjoni ta' opportunitajiet indaqs (proposta mfassla mill-ġdid).

### *3.4.3. Investiment akbar fil-kapital uman bis-saħħa ta' ħiliet u edukazzjoni aħjar.*

*Fattur ieħor huwa aktarinvestment fl-edukazzjoni u fil-ħiliet.*

It-tibdil strutturali, il-parteċipazzjoni akbar fis-suq tax-xogħol u t-tkabbir tal-produttività jitolbu **t-tkomplija ta' l-investment f'ħaddiema adattabbli u b'ħiliet għolja**. Dawk l-ekonomiji li jkunu mogħnija b'forza tax-xogħol li għandha ħiliet tajbin huma aktar kapaċi joħlqu teknoloġiji ġodda u jħaddmuhom b'mod effettiv. Il-livell ta' l-ilħiq edukattiv ġewwa l-Ewropa ma jservix biex jiżgura li l-ħiliet meħtieġa jkunu disponibbli fis-suq tax-xogħol jew li jinħoloq għarfien ġdid li mbagħad jinxtered ma' l-ekonomija kollha. L-enfażi fuq l-edukazzjoni matul il-ħajja u fuq l-għarfien fil-ħajja ekonomika jirriflettu wkoll il-konvinzjoni li t-titjib fl-ilħiq edukattiv u fil-ħiliet jagħti kontribut importanti lill-koeżjoni soċjali.

*L-edukazzjoni matul il-ħajja hija prijorità.*

L-immodernizzar u r-riforma tas-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' l-Ewropa huma fil-biċċa l-kbira r-responsabbiltàta' l-Istati Membri. Madankollu, hemm xi azzjonijiet ewlenin li, sabiex jgħinu f'dan il-proċess u jhaffuh, hemm bżonn li jittieħdu fuq il-livell Ewropew. Il-proposta dwar **programm ġdid ta' l-Edukazzjoni Matul il-ħajja**, maħsub biex mill-2007 jieħu l-post tal-programmi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ li għaddejjin fil-preżent, iridu jiġu adottati mil-leġiżlaturi sa tmiem l-2005 sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għat-twettiq effettiv u f'waqtu tal-programm. Il-programm għandu wkoll jingħata baġit li jirrifletti l-għanijiet tiegħu. L-Istati Membri jridu jwettqu l-impenn tagħhom li jistabbilixxu **Strateġji ta' Edukazzjoni Matul il-ħajja sa l-2006**.

*L-iffinanzjar mill-UE għandu r-rwol tiegħu.*

Il-Komunità tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq il-għan tat-tkattir u t-titjib ta' l-impjiegi billi timmobilita l-miżuri ta' l-infiq tagħha. **Il-Fondi Strutturali** diġà huma indirizzati u qed jintużaw għal dan il-għan, imma dan il-progress jista' **jissaħħaħ biss permezz ta' l-adozzjoni tal-proposti għall-Qafas il-ġdid wara l-2007**. Jinħtieġ finanzjament adegwat għal dawn il-miżuri, li jekk jitwettqu jimplifikaw il-mezzi reġjunali u nazzjonali, sew mis-settur pubbliku kif ukoll minn dak privat, u jappoġġaw il-qsim meħtieġ ta' l-aħjar prassi.

## IT-TWETTIQ TA' LIŻBONA: IR-RIFORMA TAL-POLITIKA TA' KOEŻJONI TA' L-UE U R-RWOL TAL-FONDI STRUTTURALI

Għall-fażi li jmiss ta' l-iżvilupp reġjonali, tal-Fond Soċjali Ewropew u tal-programmi ta' koeżjoni, il-Kummissjoni qed tipproponi mod aktar strateġiku ta' ħidma fi sforz biex tiżgura li l-kontenut tagħhom jagħfas fuq it-*tkabbir* u l-impjiegi. Linji ta' gwida strateġiċi se jiġu stabbiliti fuq il-livell tal-Komunità b'deċiżjoni tal-Kunsill, b'tali mod li jfasslu l-qafas tal-linji ta' gwida fuq il-livell ta' kull Stat Membru, li għandhom jiġu nnegozjati bi sħab u wara kunsiderazzjoni tal-*ħtiġijiet* u *ċ-ċirkostanzi differenti nazzjonali* u reġjonali.

Il-programmi reġjonali tal-*ġejjieni* u l-programmi nazzjonali ta' l-impjiegi se jfittxu li jallokaw ir-riżorsi bl-*aħjar* mod, b'mod partikolari fir-reġjuni anqas sinjuri fejn se jikkonċentraw irwieħhom ir-riżorsi Komunitarji:

- fuq it-*tkattir* u t-*titjib* ta' l-impjiegi permezz ta' investiment fit-*taħriġ* u fil-*ħolqien* ta' *attivitajiet* ġodda,
- billi jiġu inkoraġġuti l-*innovazzjoni* u t-*tkabbir* ta' l-*ekonomija* ta' l-*għarfien* permezz tat-*tisħiħ* tal-*kapaċitajiet* *għar-riċerka* u tan-*netwerks* għall-*innovazzjoni*, inkluż l-*isfruttament* ta' tagħrif *għdid* u tat-*teknoloġiji* tal-*komunikazzjoni* u,
- fuq li r-reġjuni jsiru aktar *attraenti* permezz tal-*provvista* ta' l-*infrastruttura*.

Miżuri għall-*Iżvilupp Rurali* se jiffukaw ukoll b'mod iktar speċifiku fuq il-*ħolqien* tat-*tkabbir ekonomiku* u ta' l-impjiegi fiż-*żoni rurali*. Hemm bżonn li jiġu sfruttati għal kollox il-*possibilitajiet* li joffru l-*Internet* u l-*mezzi* tal-*komunikazzjoni broadband* sabiex jingħelbu l-*iżvantaġġi* tal-*lok*.

Dan għandhom imexxuh 'il quddiem l-Istati Membri, flimkien mar-reġjuni u l-*ibliet*.

### 3.5. L-impatt fuq it-*tkabbir ekonomiku* u l-impjiegi

*Liżbona twettaq it-  
tkabbir fil-  
medda tan-  
nofs u f'dik  
twila.*

L-azzjonijiet politiċi mfissra f'din il-*komunikazzjoni* se jevolvu hekk kif l-Istati Membri jfasslu fid-*dettall* il-programmi ta' azzjoni nazzjonali tagħhom. Filwaqt li mhuwiex possibbli, għaldaqstant, li f'dan l-*istadju* tingħata *evalwazzjoni globali* ta' l-*effetti* tal-*Programm ta' Azzjoni ta' Liżbona*, illum hawn għarfien wiesa' li t-tip ta' miżuri previsti minn dan il-*Programm ta' Azzjoni* jistgħu jagħtu *kontribut essenzjali* sabiex jiżdied il-*potenzjal* għat-*tkabbir ekonomiku* fil-*medda tan-nofs* u aktar fit-*tul*<sup>3</sup>.

*Suq Waħdieni  
fis-servizzi  
jista' jżid 0.6%  
mal-PGD u  
jgħolli r-rata  
ta' l-impjiegi*

*Li l-Ewropa ssir post li jiġbed aktar xogħol u investiment*

Il-*Programm tas-Suq Intern* huwa wieħed mill-*aħjar eżempji* ta' riforma tat-*tip* ta' Liżbona li kellha *impatt apprezzabbli* fuq it-*tkabbir ekonomiku* u l-impjiegi. Per eżempju, it-*twettiq ta' suq waħdieni* fis-

<sup>3</sup> Ara "L-ispejjeż tan-Non-Liżbona. Dokument ta' temi", abboz ta' dokument ta' ħidma tas-servizzi tal-Kummissjoni.



b'0.3%...

servizzi għandu jwassal għal żieda ta' 0.6% fil-PGD, u ta' 0.3% fl-impjiegi fil-medda tan-nofs. L-integrazzjoni tas-swieq finanzjarji tista' – fil-medda tan-nofs sa dik twila – tnaqqas l-ispejjeż tal-kapital għall-intrapriżi ta' l-UE b'madwar 0.5 ta' punt perċentwali, u dan jista' jikkawża żieda ta' 1.1% fil-PGD u ta' 0.5% fl-impjiegi fil-medda t-twila.

#### *L-għarfien u t-tiġdid li jwasslu għat-tkabbir ekonomiku*

*...l-investment fl-għarfien u fl-  
edukazzjoni għandu jagħmilna aktar kapaċi nkunu innovattivi, ...*

L-investment fl-għarfien għandu jqawwi l-kapaċità ta' l-UE li tkun innovattiva u li tipproduċi u tuża teknoloġiji ġodda. Żieda minn 1.9% sa 3% bħala l-proporzjon tal-PGD ddedikat għar-riċerka u l-iżvilupp (R&D), sabiex tintlaħaq il-mira ta' Liżbona sa l-2010, jkollha l-effett li żżid il-livell tal-PGD b'1.7% sa l-2010. L-investment fil-kapital uman ukoll huwa meħtieġ, għaliex huma n-nies b'ħiliet tajbin li huma l-aktar kapaċi li jaħdmu bil-kapital l-aktar produttiv u li jwettqu t-tibdil organizzattiv kif ikunu jitolbu t-teknoloġiji l-ġodda. Żieda ta' sena fil-livell edukattiv medju tal-forza tax-xogħol tista' tgħolli r-rata annwali tat-tkabbir tal-PGD ta' l-UE b'daqs 0.3 sa 0.5 ta' punt perċentwali.

#### *It-tkattir u t-titjib ta' l-Impjiegi*

*u t-trattament korrett ta' l-impjiegi jista' jżid ir-rata ta' parteċipazzjoni b'1.5%.*

Fl-aħħarnett, it-titjib fil-livelli ta' l-impjiegi li rajna f'dawn l-aħħar snin kienu aktar apprezzabbli f'dawk il-pajjiżi li wettqu riformi maħsuba sabiex tiżdied ir-rata ta' parteċipazzjoni, u sabiex ifasslu aħjar sew politika attiva tas-suq tax-xogħol kif ukoll sistemi ta' taxxa u benefiċċji. Studji li saru juru li riformi bħal dawn jistgħu jżidu r-rata ta' parteċipazzjoni b'1.5%, u li, flimkien ma' trażżin fil-pagi, jistgħu jbaxxu r-rata tal-qgħad b'1%.

*Il-fatt li dawn il-miżuri kollha jsaħħu lil xulxin ifisser li l-impatt globali jista' jkun ogħla sew minn hekk.*

Kif turi s-selezzjoni ta' hawn fuq, il-miżuri individwali previsti mill-Programm ta' Azzjoni ta' Liżbona jkollhom effetti pożittivi sostanzjali fuq l-ekonomija. Iżda l-istrateġija hija pakkett globali ta' riformi li jsaħħu lil xulxin. L-estimi li bħalissa huma disponibbli jagħtu ħjiel li jkun raġunevoli li nistennew li l-Programm ta' Azzjoni ta' Liżbona sħiħ, meta jkunu twettqu l-partijiet kollha li minnhom huwa magħmul, jgħolli r-rata preżenti tat-tkabbir potenzjali ta' l-UE u jqarribha lejn il-mira ta' 3%. Iżid ukoll l-impjiegi b'ta' l-anqas madwar 6 miljun post tax-xogħol sa l-2010.

#### 4. SABIEX BI SĦAB NILĦQU RIŻULTATI TA' VERU FIT-TKABBIR EKONOMIKU U FL-IMPJIEGI

*Qed inġeddu mill-qiegħ il-mod li bih Liżbona qed titwettaq, ...*

Filwaqt li sar xi progress lejn l-ilħiq tal-miri li ġew definiti fil-Kunsill Ewropew ta' Liżbona fl-2000, l-istampa globali tvarja ħafna. L-ikbar nett fost l-isfidi li qed naffrontaw f'nofs triqitna lejn l-2010 hija, għalhekk, li nikkoreġu n-nuqqasijiet fit-twettiq. Jeħtiġilna nġeddu mill-qiegħ il-proċess ta' twettiq, li sar wisq ikkumplikat u ftit li xejn jiftiehem. Jiġġenera ħafna karti, imma ftit li xejn azzjoni. Il-qsim tar-responsabbiltajiet bejn il-livelli nazzjonali u dak Ewropew m'għadux ċar. Ir-riżultat huwa pussess limitat.

*... permezz ta' programm nazzjonali ta' Liżbona waħdieni għat-tkabbir ekonomiku u għall-impjiegi, ...*

Sabiex dan jiġi kkoreġut, il-Kummissjoni qed tipproponi reviżjoni minn fuq s'isfel tal-mod li bih titwettaq l-Istrateġija mġedda ta' Liżbona:

- **Pjan Nazzjonali ta' Azzjoni waħdieni għat-tkabbir ekonomiku u għall-impjiegi**, adottat mill-gvernijiet nazzjonali wara diskussjoni fil-parlamenti tagħhom għandu jgħin sabiex tassew ikun pjan tal-pajjiż rispettiv, u fuq il-livell nazzjonali tissaħħaħ il-leġittimità permezz ta' l-involvement ta' l-imsieħba soċjali u tas-soċjetà ċivili fit-tnejn ta' programm nazzjonali ta' Liżbona. Dan il-programm jelenka l-azzjonijiet li jridu jsiru u l-miri li jridu jintlaħqu skond il-qagħdijiet differenti fl-istati membri. Għandu jitthejja u jiġi adottat mill-gvernijiet wara dibattiti fil-parlamenti rispettivi tagħhom.
- **Kull Stat Membru jagħżel lil persuna li fuq il-livell tal-gvern tkun is-Sur jew is-Sinjura Liżbona**, bir-responsabbiltà li tikkoordina l-elementi differenti ta' l-istrateġija u li tippreżenta l-programm ta' Liżbona.
- **Il-programmi nazzjonali ta' Liżbona** għat-tkabbir ekonomiku u għall-impjiegi jsiru l-istrumenti primarji ta' rappurtaġġ fuq il-miżuri ekonomiċi u ta' l-impjiegi fil-kuntest ta' l-istrateġija ta' Liżbona. Dan jissimplifika bil-kbir il-geġwīgija preżenti ta' rapporti bit-tħaddim tal-Metodu Miftuħ ta' Koordinament (OMC), li l-Kummissjoni fi ħsiebha tirrevedi.
- **Prijoritajiet għall-azzjoni fuq il-livell ta' l-Unjoni** ġew identifikati u deħru fi Programm Komunitarju ta' Azzjoni għal Liżbona li ġie ppubblikat separatament. Qed jintalab li jkun hemm qbil dwar l-importanza tagħhom sabiex ikun jista' jseħħ progress mġaġġel fit-teħid ta' deċiżjonijiet, u wara, fit-twettiq tagħhom.
- Is-simplifikazzjoni fl-istrutturi tar-rappurtaġġ imbagħad tkun tista' tiġi riflessa fuq il-livell ta' l-UE billi **jiġu integrati f'pakkett wieħed il-mekkaniżmi ta' illum għall-koordinament fl-ekonomija u fl-impjiegi, lkoll ibbażati fuq it-Trattati**, (taħt il-Linji ta' Gwida Wiesgħa għall-Politika Ekonomika u ta' l-Impjiegi): dan isir frapport Strateġiku Annwali li jiġi ppubblikat kull sena f'Jannar.

*... jkun hemm Sur jew Sinjura Liżbona f'kull gvern Nazzjonali*

*... struttura waħdanija ta' rappurtaġġ*

*... flimkien ma' Programm ta' l-UE ta' Liżbona, u ...*

*pakkett waħdieni integrat għall-koordinament fl-ekonomija u fl-impjiegi.*

*L-Istati Membri jridu juru l-impenn tagħhom*

**L-Istati Membri.** It-twettiq huwa l-punt ta' dgħufija ta' l-Istrateġija ta' Liżbona. Il-proposti għat-titjib tal-mekkaniżmu ta' twettiq jistgħu jsolvu ħafna mid-diffikultajiet. Imma jistgħu jaħdmu biss jekk ikun hemm impenn ta' veru min-naħa ta' l-Istati Membri.

Fuq il-livell Ewropew, jiġu assenjati wkoll rwoli ċari:

*Il-Kunsill Ewropew jagħti r-rotta...*

**Il-Kunsill Ewropew** jkollu r-responsabbiltà globali għat-tmexxija tal-proċess. Mod komuni ta' ħidma għall-adozzjoni ta' linji ta' gwida għall-programmi nazzjonali għat-ktabbir ekonomiku u l-impjiegi, kif ukoll sistemi ssimplifikati ta' rappurtaġġ mill-Istati Membri dwar it-twettiq, jippermettu lill-Kunsill Ewropew jagħti gwida aktar effettiva.

*... filwaqt li jqis il-fehmiet tal-Parlament Ewropew...*

**Il-Parlament Ewropew** ukoll ikun involut f'dan il-proċess, billi jagħti l-fehma tiegħu fuq ir-Rapport Strateġiku Annwali ħalli l-Kunsill ikun jista' jieħu qies xieraq tagħha. Il-Presidenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni jkunu jistgħu jkomplu jiltaqgħu regolarment, inkluż qabel il-Kunsill Ewropew tar-Rebbiegħa, sabiex jidentifikaw il-modi kif, fil-proċess leġiżlattiv, jistgħu jitmexxew 'il quddiem dawk il-proposti leġiżlattivi li jkunu marbuta mal-Programm Komunitarju ta' Liżbona. Il-Kummissjoni sejra wkoll tinforma lill-Parlament Ewropew fuq bażi regolari bl-analiżi tagħha dwar il-progress li jkun sar u l-miżuri li jkunu adottaw l-Istati Membri.

*...u l-Kummissjoni tmexxi 'l quddiem il-proċess.*

Il-Kummissjoni tkun tista' tappoġġa lill-Istati Membri fit-tfassil tal-programmi ta' Liżbona tagħhom, u se twaqqaf l-istrutturi meħtieġa biex tħaffef dan il-proċess. Tkun tista' tevalwa l-miri u l-miżuri proposti mill-Istati Membri, tiġbed l-attenzjoni lejn id-diffikultajiet bażiċi u tuża r-rapport strateġiku annwali tagħha sabiex tiżgura li l-Unjoni tibqa' miexxa kif suppost f'din it-triq. Flimkien ma' dan, tkun tista' tuża l-poteri tagħha skond it-Trattat sabiex tiżgura t-traspożizzjoni korretta tal-leġiżlazzjoni, u li jitwettqu l-impenji ta' Liżbona li jkunu ħadu l-Istati Membri.

*L-Imsieħba Soċjali għandu jkollhom rwol speċjali.*

Ir-rwol ta' **l-imsieħba soċjali** wkoll ikun vitali. L-appoġġ tagħhom se jkun kruċjali f'oqsma bħall-miżuri attivi fis-suq tax-xoġhol, l-edukazzjoni matul il-ħajja jew il-ħsieb bil-quddiem għar-ristrutturar fis-setturi industrijali. Għaldaqstant, il-Kummissjoni tistedinhom ifasslu l-programmi ta' Liżbona tagħhom għat-ktabbir ekonomiku u għall-impjiegi, mifruxin fuq għadd ta' snin, billi jużaw is-setgħat li jingħatawllhom mit-Trattat. Is-Samit Tripartitiku regolari għandu jiġi ddedikat għall-evalwazzjoni tal-progress li jkun sar u għall-iskambju ta' l-aħjar prassi fost l-Istati Membri. Il-ħidma bi sħab għat-ktabbir ekonomiku u għall-impjiegi hija, għalhekk, għal kollox konsistenti ma' l-ambizzjonijiet tas-sħubija għall-bidla li adottaw l-imsieħba soċjali fis-Samit Tripartitiku ta' Marzu 2004.

*Din il-fażi l-ġdida ta' 3 snin tibda fl-2005.*

Din il-fażi l-ġdida ta' 3 snin tkun tista' titnieda fl-2005, b'linji ta' gwida ġodda u aktar ġenerali għall-ekonomija u l-impjiegi, b'tali mod li l-Istati Membri jkunu jistgħu jfasslu l-pjanijiet nazzjonali ta' Liżbona tagħhom skond il-qagħda li fiha jkunu jinsabu. Revizzjoni tkun tista' terġa' sseħħ fl-2008. Qed tiġi ppubblikata separatament deskrizzjoni ddettaljata tal-mod il-ġdid ta'

ħidma fl-igvernar.

*Dan jagħti struttura lill-ħidma tagħna bi sħab u jiżgura li l-bidla sseħħ.*

Biex niġbru kollox fil-qosor, il-proposti biex niżguraw li l-ħidma tagħna bi sħab tagħti l-frott huma msejsa fuq l-attribuzzjoni ċara tar-responsabbiltajiet, b'tali mod li kull settur ikun jista' jieħu pussess ta' l-azzjonijiet kollha li jaqgħu fl-ambitu tar-responsabbiltà tiegħu. Dan il-mod il-ġdid ta' ħidma jwarrab il-ġungla li teżisti bħalissa fir-rigward ta' l-obbligi ta' rappurtaġġ. Fil-qofol tiegħu, ma jibqax jiffoka aktar fuq il-koordinament permezz ta' diskussjonijiet multi-laterali bejn il-25 Stat Membru u l-Kummissjoni, fuq temi individwali ta' politika (il-Metodu Miftuħ ta' Koordinament OMC). Minflok, se jkun hemm djalogu bilaterali fil-fond bejn il-Kummissjoni u kull Stat Membru dwar programm nazzjonali ta' azzjoni msejjes fuq l-impenn. Dan id-djalogu jseħħ fil-qafas ta' l-istrumenti tal-preżent, ibbażati fuq it-Trattat, għall-ikkoordinar tal-politika ekonomika u ta' l-impjiegi – Il-Linji ta' Gwida Wiesgħa dwar l-Ekonomija u dwar l-Impjiegi.

*...u jħallina naqtagħu l-frott tal-benefiċċji ta' l-azzjoni koerenti f'oqsma varji u fuq livelli differenti.*

Fl-aħħarnett, dan il-mod ta' ħidma se jħallina naħsdu l-benefiċċji tas-sinerġija mill-ħidma tagħna bi sħab fuq il-livelli differenti, u jkompli jibni fuq il-komplentarjetà ma' u bejn l-Istati Membri. Per eżempju, l-Istati Membri se jkunu qed jikkonfermaw fil-programmi ta' Liżbona tagħhom il-miri nazzjonali rispettivi għall-infiq fuq l-R&D, u jsemmu l-miżuri li jkunu fi ħsiebhom iwettqu. Fuq il-livell Komunitarju, taħt is-seba' programm ta' qafas qed jiġi propost irduppjar fl-infiq fuq l-R&D, u hemm previst għadd ta' miżuri biex jiffaċilitaw l-infiq fuq l-R&D fl-Istati Membri. Fuq il-bażi tal-programmi nazzjonali ta' Liżbona, il-Kummissjoni għaldaqstant sejra tkun tista' tevalwa kull sena l-progress li jkun sar lejn l-ilħiq tal-mira ta' nfiq fuq l-R&D, għall-Unjoni kollha, ta' 3% tal-PGD, tressaq il-proposti meħtieġa għall-aġġustament fl-istrumenti tal-politika, tagħti r-reazzjonijiet tagħha lill-Istati Membri u, jekk jinqala' l-bżonn, tirrapporta dwar xi diffikultajiet serji lill-Kunsill Ewropew.

**Li n-nies jiġu mgħarrfa** dwar Liżbona jkun pass importanti lejn il-ħolqien ta' mpenn fuq il-livelli kollha tal-gvern.

*Fuq kollox, jeħtieġ li n-nies jifhemu għaliex l-Istrateġija ta' Liżbona hija daqshekk importanti.*

L-isfida li nikkonvinċu lin-nies dwar il-ħtieġa tar-riforma ma tingħelibx biss permezz ta' dan ir-Rapport, u lanqas bit-tnedija fil-Kunsill Ewropew ta' Marzu ta' qafas ta' ħidma bi sħab għat-tkabbir ekonomiku u għall-impjiegi. L-aġenda ambizzjuża ta' Liżbona għar-riforma trid timxi id f'id ma sforzi sabiex nispijegaw l-isfidi li qed naffrontaw. Irridu nikkonvinċu darba darbtejn lin-nies bil-ħtieġa tar-riforma, sabiex jiddakkar sens ta' l-urġenza u sabiex inkunu nistgħu nuru li qed noffru rispons – rispons distint u Ewropew. Imma se jkollna bżonn nagħmlu sforz ta' veru u fit-tul sabiex jirnexxilna nwasslu dan il-messaġġ.

*... u dan irid jiġi spjegat fuq il-livell ta' l-UE u fuq dak nazzjonali.*

Dan l-isforz irid jinqasam bejn l-Istituzzjonijiet Ewropej. Biss, ir-responsabbiltà ewlenija tinsab fuq il-livell ta' kull Stat Membru, fejn il-messaġġi jistgħu jingħataw karattru lokali skond dak li jkun jikkonċerna lill-pajjiż u skond id-dibattitu nazzjonali. Dan irid jinvolvi lil kull min għandu sehem fis-suċċess ta' l-Ewropa – il-parlamenti nazzjonali, ir-regġuni, l-ibliet u l-komunitajiet rurali, kif ukoll is-soċjetà ċivili. Min-naħa tagħha, il-

Kummissjoni se tkun qed tittratta din l-aġenda għat- tkabbir ekonomiku u għall-impjiegi bħala prijorità ċentrali matul il-mandat tagħha kollu.